SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

19 ta' Marzu 2020 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 1999/70/KE – Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien determinat konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP –Klawżola 5 – Kunċett ta' 'kuntratti jew relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi' – Nuqqas ta' osservanza mill-persuna li timpjega tat-terminu legali mogħti sabiex timtela pożizzjoni okkupata provviżorjament mill-ħaddiem għal żmien determinat – Proroga impliċita ta' sena b'sena tar-relazzjoni ta' xogħol – Okkupazzjoni minn ħaddiem għal żmien determinat tal-istess pożizzjoni fil-kuntest ta' żewġ ħatriet konsekuttivi – Kunċett ta' 'raġunijiet oġġettivi' li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet tal-impjieg suċċessivi għal żmien determinat – Osservanza tal-motivi ta' reklutaġġ previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali – Eżami konkret li jirrileva li t-tiġdid suċċessiv ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat huwa intiż li jkopri bżonnijiet permanenti u sostenibbli tal-persuna li timpjega fir-rigward tal-persunal – Miżuri intiżi li li jipprevjenu u, skont il-każ, jissanzjonaw l-abbuż li jirriżulta mill-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat – Proċeduri ta' selezzjoni intiżi sabiex jimtlew b'mod definitiv pożizzjonijiet okkupati provviżorjament minn ħaddiema għal żmien determinat – Konverżjoni tal-istatut ta' ħaddiema għal żmien determinat f'"persunal għal żmien determinat mhux permanenti' – Għoti lill-ħaddiem ta' kumpens ekwivalenti għal dak mogħti fil-każ ta' tkeċċija abbużiva – Applikabbiltà tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien determinat minkejja l-fatt li l-ħaddiem ikun ta l-kunsens tiegħu għat-tiġdid suċċessiv ta' kuntratti għal żmien determinat – Klawżola 5(1) – Nuqqas ta' obbligu għall-qrati nazzjonali li ma japplikawx leġiżlazzjoni nazzjonali kunfliġġenti"

Fil-Kawżi magħquda C-103/18 u C-429/18,

li għandhom bħala suġġett żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Juzgado Contencioso-Administrativo nº8 de Madrid (il-Qorti Amministrattiva Nru 8 ta' Madrid, Spanja) u mill-Juzgado Contencioso-Administrativo nº14 de Madrid (il-Qorti Amministrattiva Nru 14 ta' Madrid, Spanja), permezz ta' deċiżjonijiet tat-30 ta' Jannar u tat-8 ta' Ġunju 2018, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' Frar u fit-28 ta' Ġunju 2018 rispettivament, fil-proċeduri

Domingo Sánchez Ruiz (C-103/18),

Berta Fernández Álvarez *et* (Kawża C-429/18)

vs

Comunidad de Madrid (Servicio Madrileño de Salud)

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn A. Arabadjiev (Relatur), President tal-Awla, P. G. Xuereb, T. von Danwitz, N. Piçarra u A. Kumin, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: L. Carrasco Marco, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-15 ta' Mejju 2019,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal M. Sánchez Ruiz, minn J. M. Ruiz de la Cuesta Vacas, procurador de los Tribunales, u F. J. Araúz de Robles Dávila, abogado,

– għal Fernández Álvarez *et*, minn F. J. Araúz de Robles Dávila, abogado,

– għal Comunidad de Madrid (Servicio Madrileño de Salud), minn L. J. García Redondo u A. Serrano Patiño, letrados,

– għall-Gvern Spanjol, inizjalment minn S. Jiménez García u A. Gavela Llopis, sussegwentement minn S. Jiménez García, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn N. Ruiz García, M. van Beek u J. Rius, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2019,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368) u tal-klawżola 5 tal-ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999 (iktar 'il quddiem il-"Ftehim qafas"), li jinsab bħala anness ma' din id-direttiva.

2 Dawn it-talbiet ġew ippreżentati fil-kuntest ta' żewġ tilwimiet bejn ħaddiema impjegati mill-Comunidad de Madrid (Servicio Madrileño de Salud) (id-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika tal-Komunità Awtonoma ta' Madrid, Spanja) (iktar 'il quddiem il-"Komunità ta' Madrid") jiġifieri, fil-Kawża C-103/18, Domingo Sanchéz Ruiz *et*, u fil-Kawża C-429/18, Berta Fernández Álvarez kif ukoll erba' ħaddiema nisa oħra (iktar 'il quddiem "B. Fernández Álvarez *et*"), u l-Komunità ta' Madrid dwar ir-rikonoxximent ta' dawn il-persuni bħala membri tal-persunal statutorju permanenti, jew sussidjarjament, bħala persunal pubbliku li jibbenefika minn statut paragunabbli għal dan il-persunal, li fir-rigward tagħhom japplikaw il-prinċipji ta' permanenza u ta' irremovibbiltà.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Mill-premessa 17 tad-Direttiva 1999/70 jirriżulta li, "fejn għandhom x'jaqsmu t-termini użati fil-ftehim qafas imma mhux speċifikament definiti hemmhekk, din id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri biex jiddefinixxu dawn it-termini f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali kif inhu l-każ għal Direttivi oħrajn dwar kwistjonijiet soċjali li jużaw termini simili, sakemm id-definizzjonijiet inkwistjoni jirrispettaw il-kontenut tal-ftehim qafas".

4 Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 1999/70, din għandha l-iskop li "[ġ]ġib fis-seħħ il-[Ftehim qafas] konkluż […] bejn l-organizzazzjonijiet ġenerali ta' l-industrija [(Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (ETUC), Konfederazzjonijiet Industrijali u ta' Min Iħaddem fl-Ewropa (UNICE), u ċ-Ċentru Ewropew tal-Intrapriżi Pubbliċi (CEEP)]."

5 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattvi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva [u għandhom] jieħdu xi miżuri neċessarji sabiex ikunu jistgħu f'kull ħin ikunu f'posizzjoni li jiggarantixxu r-riżultati imposti b'din id-Direttiva. […]"

6 Skont il-klawżola 1 tal-Ftehim qafas, l-għan tiegħu huwa, minn naħa, li jtejjeb il-kwalità tax-xogħol għal żmien determinat billi jiżgura l-osservanza tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u, min-naħa l-oħra, li jistabbilixxi qafas sabiex jiġu evitati l-abbużi li jirriżultaw mill-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi.

7 Il-klawżola 5 tal-Ftehim qafas, intitolata "Miżuri għal prevenzjoni ta' l-abbuż", tipprovdi:

"1. Sabiex jiġi ipprevenut l-abbuż ikkawżat mill-użu ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' impjieg għal terminu fiss, wara konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali skond il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv jew il-prattika, u/jew l-imsieħba soċjali, għandhom, meta ma hemm ebda miżuri ekwivalenti legali biex jipprevjenu l-abbuż, jintroduċu b'mod li jieħu kont tal-ħtiġiet tas-setturi u/jew kategoriji speċifiċi ta' ħaddiema, waħda jew iktar mill-miżuri li ġejjin:
   a) raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet;
   b) iż-żmien massimu totali ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' impjieg għal terminu fiss;
   ċ) in-numru ta' tiġdid ta' dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet.

2. L-Istati Membri wara konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali u/jew l-imsieħba soċjali għandhom, meta approprjat, jiddeterminaw taħt liema kondizzjonijiet il-kuntratti jew ir-relazzjonijiet ta' impjieg għal terminu fiss:
   (a) għandhom jitqiesu bħala 'suċċessivi';
   (b) għandhom jitqiesu bħala kuntratti jew relazzjonijiet għal żmien indefinit."

Id-dritt Spanjol

8 L-Artikolu 8 tal-Ley estatal 55/2003 del Estatuto Marco del personal estatutario de los servicios de salud (il-Liġi 55/2003 dwar ir-Regolamenti Qafas tal-Persunal Statutorju tad-Dipartimenti tas-Saħħa), tas-16 ta' Diċembru 2003 (BOE Nru 301, tas-17 ta' Diċembru 2003, p. 44742), fil-verżjoni tagħha applikabbli meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti Qafas"), jiddefinixxi l-"persunal statutorju permanenti" bħala "il-persunal li, wara li jkun għadda mill-proċedura ta' selezzjoni korrispondenti, jinħatar sabiex jeżerċita b'mod permanenti l-funzjonijiet li jirriżultaw minn din il-ħatra".

9 Skont l-Artikolu 9 tar-Regolamenti Qafas:

"1. Għal raġunijiet ta' neċessità, ta' urġenza jew għall-iżvilupp ta' programmi ta' natura temporanja, okkażjonali jew straordinarja, id-dipartimenti tas-saħħa jistgħu jaħtru persunal statutorju temporanju.

Il-ħatriet ta' persunal statutorju jistgħu jkunu fuq bażi *interim*, okkażjonali jew sostitwenti.

2. Il-ħatra *ad interim* tista' ssir sabiex timtela temporanjament pożizzjoni vakanti fiċ-ċentri jew dipartimenti tas-saħħa, meta jkun meħtieġ li jkunu okkupati funzjonijiet korrispondenti.

Il-funzjonijiet tal-persunal statutorju *ad interim* jintemmu meta jiġi rreklutat persunal permanenti għall-pożizzjoni okkupata permezz ta' proċedura legali jew regolatorja stabbilita, kif ukoll meta din il-pożizzjoni tiġi abolita.

3. Il-ħatra fuq bażi okkażjonali għandha ssir fil-każijiet li ġejjin:

a) meta tkun tikkonċerna l-provvista ta' servizzi partikolari ta' natura temporanja, awżiljarja jew straordinarja,

b) meta tkun neċessarja sabiex tiżgura l-funzjonament permanenti u kontinwu taċ-ċentri tas-saħħa;

ċ) għall-provvista ta' servizzi kumplimentari sabiex jiġi kkumpensat it-tnaqqis tal-ħin tax-xogħol normali.

Il-funzjonijiet tal-persunal statutorju okkażjonali jintemmu meta jitwettaq l-għan tal-ħatra jew meta jiskadi t-terminu evalwat espressament fil-ħatra, kif ukoll meta l-funzjonijiet li mmotivawh f'dak iż-żmien ġew aboliti.

Jekk ikun hemm iktar minn żewġ ħatriet għall-provvista tal-istess servizzi għal perijodu kumulattiv ta' 12-il xahar jew iktar fuq perijodu ta' sentejn, ikun lok li jiġu eżaminati r-raġunijiet ta' dawn il-ħatriet sabiex jiġi evalwat, jekk ikun il-każ, jekk hemmx lok li tinħoloq pożizzjoni strutturali fl-istituzzjoni kkonċernata.

4. Il-ħatra bħala persunal *ad interim* tintuża meta jkun meħtieġ li jimtlew il-funzjonijiet ta' persunal permanenti jew temporanju matul perijodi ta' vaganzi, ta' leave u assenzi temporanji oħra li jinvolvu ż-żamma tal-pożizzjoni.

Il-ħatra ta' persunal statutorju sostituttiv tintemm meta l-persunal ssostitwit jerġa' jkun integrat, kif ukoll meta dan tal-aħħar jitlef id-dritt tiegħu għal integrazzjoni mill-ġdid fl-istess pożizzjoni jew fl-istess funzjoni."

10 L-Artikolu 10 tar-Real Decreto Legislativo 5/2015 por el que se aprueba el Texto Refundido de la Ley del Estatuto Básico del Empleado Público (id-Digriet Irjali Leġiżlattiv Nru 5/2015 li Japprova t-Test Irriformulat tal-Liġi dwar ir-Regolamenti Bażiċi tal-Persunal tas-Servizz Pubbliku), tat-30 ta' Ottubru 2015 (BOE Nru 261, tal-31 ta' Ottubru 2015, iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti Bażiċi tal-Persunal Pubbliku"), jipprevedi, fl-Artikolu 2 tiegħu, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni":

"1. Membri tal-persunal *ad interim* huma persuni li, għal raġunijiet ta' neċessità u urġenza ġġustifikati espressament, jinħatru f'din il-kwalità sabiex jeżerċitaw funzjonijiet li jwettquhom uffiċjali permanenti, fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-eżistenza ta' pożizzjonijiet vakanti li ma jistgħux jiġu okkupati minn uffiċjali;

[…]

4. Fis-sitwazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, il-pożizzjonijiet vakanti mimlija minn membri tal-persunal temporanji huma inklużi fl-offerta ta' impjieg li tikkorrispondi għall-eżerċizzju li matulu ssir il-ħatra tagħhom jew, jekk dan ikun impossibbli, matul is-sena finanzjarja segwenti, sakemm ma jiġix deċiż li l-pożizzjoni titneħħa.

[…]"

11 L-Artikolu 70(1) tar-Regolamenti Bażiċi tal-Persunal Pubbliku jipprovdi:

"Il-bżonnijiet ta' riżorsi umani li jibbenefikaw minn allokazzjoni baġitarja li għandhom ikunu koperti mir-reklutaġġ ta' persunal ġdid huma suġġetti għal offerta ta' impjieg pubbliku jew huma pprovduti permezz ta' strument ieħor simili ta' ġestjoni tal-kopertura għall-bżonnijiet tal-persunal, u dan jimplika l-organizzazzjoni tal-proċeduri ta' selezzjoni korrispondenti għall-pożizzjonijiet previsti, sal-limitu ta' għaxra fil-mija addizzjonali, u l-iffissar tat-terminu massimu għall-pubblikazzjoni tal-avviżi. Fi kwalunkwe każ, l-implimentazzjoni tal-offerta ta' impjieg pubbliku jew tal-istrument simili għandha ssir f'terminu li ta' tliet snin li ma jistax jiġi estiż."

12 Skont ir-raba' dispożizzjoni tranżitorja tar-Regolamenti Bażiċi tal-Persunal Pubbliku:

"1. L-amministrazzjoni pubblika tista' tippubblika avviżi ta' kompetizzjoni sabiex tikkonsolida l-impjieg f'pożizzjonijiet strutturali li jikkorrispondu għad-diversi korpi jew kategoriji tagħhom, pożizzjonijiet li għandhom riżorsi baġitarji u koperti minn membri tal-persunal mhux permanenti jew minn persunal temporanju qabel l-1 ta' Jannar 2005.

[…]

3. Il-kontenut tal-eżamijiet huwa relatat mal-proċeduri, mal-kompiti u mad-dmirijiet abitwali tal-pożizzjonijiet li huma s-suġġett ta' kull avviż ta' kompetizzjoni. Matul il-fażi ta' kompetizzjoni, jistgħu jiġu evalwati, fost merti oħra, iż-żmien ta' servizz imwettaq fl-amministrazzjoni pubblika u l-esperjenza għall-pożizzjonijiet tax-xogħol li huma s-suġġett tal-avviż.

[…]"

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

Il-Kawża C-103/18

13 Fit-2 ta' Novembru 1999, il-Komunità ta' Madrid ħatret lil J. Sanchéz Ruiz bħala membru tal-persunal statutorju ta' sostituzzjoni f'pożizzjoni li taqa' taħt il-kategorija "grupp tekniku funzjoni amministrattiva", sabiex jeżerċita l-funzjonijiet ta' tekniku tal-informatika, fi ħdan id-dipartiment tas-saħħa ta' din il-komunità.

14 Minħabba t-tneħħija ta' din il-kategorija ta' persunal fl-okkażjoni ta' riforma leġiżlattiva, il-ħatra tiegħu ntemmet fit-28 ta' Diċembru 2011. Fl-istess jum, J. Sanchéz Ruiz inħatar membru tal-persunal statutorju *ad interim* f'pożizzjoni li taqa' taħt kategorija ġdida, imsejjaħ "persunal statutorju fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informatika u tal-komunikazzjonijiet", iżda dejjem sabiex jeżerċita l-funzjonijiet ta' tekniku tal-informatika, fi ħdan l-istess dipartiment. Il-persuna kkonċernata qatt ma kkontestat it-tmiem tal-ewwel ħatra tiegħu u lanqas it-tieni ħatra tiegħu.

15 L-att ta' ħatra tat-2 ta' Novembru 1999 u dak tat-28 ta' Diċembru 2011 kienu jippreċiżaw li J. Sanchéz Ruiz kien irreklutat bħala membru tal-persunal statutorju *ad interim* sabiex jokkupa pożizzjoni vakanti, li l-pożizzjoni hekk okkupata kienet ser tiġi okkupata sakemm titneħħa jew tiġi attribwita lil membru tal-persunal statutorju permanenti integrat mill-ġdid u li dawn l-impenji ma kinux jagħtu lill-persuna kkonċernata d-dritt li ssir impjegata tal-imsemmija pożizzjoni, ikun xi jkun it-tul ta' din is-sitwazzjoni.

16 Matul il-perijodu kollu tar-reklutaġġ tiegħu mill-Komunità ta' Madrid, J. Sanchéz Ruiz okkupa l-istess pożizzjoni ta' xogħol u wettaq, b'mod kostanti u kontinwu, l-istess funzjonijiet. Huwa ma pparteċipax għall-unika kompetizzjoni organizzata fl-ispeċjalizzazzjoni tiegħu bejn is-snin 1999 u 2015 bil-għan li jaċċedi għall-istatus ta' persunal statutorju permanenti.

17 Fil-21 ta' Diċembru 2016, J. Sanchéz Ruiz talab lill-Komunità ta' Madrid ir-rikonoxximent tal-kwalità tiegħu ta' membru tal-persunal statutorju permanenti jew, sussidjarjament, ta' persunal pubbliku li jibbenefika minn status simili, li għalihom japplikaw il-prinċipji ta' permanenza u ta' irremovabbiltà, għar-raġuni li huwa kien vittma ta' aġir abbużiv min-naħa tal-persuna li timpjegah, li jirriżulta mill-użu minn din tal-aħħar ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi, fis-sens tal-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas.

18 Il-Komunità ta' Madrid ċaħdet it-talba tiegħu billi qieset li tali abbuż jippresupponi l-eżistenza ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi u li, fil-każ ta' J. Sanchéz Ruiz, din kienet l-istess relazzjoni waħda ta' xogħol għal żmien determinat, u t-tieni ħatra tiegħu seħħet minħabba riforma leġiżlattiva tal-kategoriji tal-persunal. Il-Komunità ta' Madrid qieset, barra minn hekk, li l-aċċess għall-istatus ta' membru tal-persunal statutorju permanenti huwa fil-prinċipju rriżervat għall-persuni li jkunu għaddew minn proċedura ta' selezzjoni. Għalhekk ma huwiex possibbli, skont id-dritt Spanjol, li, barra minn tali proċedura, membru tal-persunal statutorju temporanju jinħatar bħala membru tal-persunal statutorju permanenti. L-iktar l-iktar, membru tal-persunal statutorju temporanju jista' jinħatar bħala "membru tal-persunal għal żmien indeterminat mhux permanenti" f'pożizzjoni sakemm din tal-aħħar titħassar jew tingħata lil membru tal-persunal statutorju permanenti. Barra minn hekk, il-Komunità ta' Madrid sostniet li J. Sanchéz Ruiz ma jistax validament jinvoka aġir abbużiv min-naħa tal-persuna li timpjegah, peress li la kkontesta t-tneħħija tal-pożizzjoni tiegħu, la l-ħatra tiegħu f'pożizzjoni ġdida u lanqas il-pubblikazzjoni tal-avviż ta' kompetizzjoni.

19 J. Sanchéz Ruiz ippreżenta rikors kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba tiegħu quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Juzgado Contencioso-Administrativo nº8 de Madrid (il-Qorti Amministrattiva Nru 8 ta' Madrid, Spanja).

20 Peress li l-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas tirreferi biss għall-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat "suċċessivi", din il-qorti tistaqsi, l-ewwel nett, jekk is-sitwazzjoni ta' J. Sanchéz Ruiz hijiex ikkaratterizzata mill-eżistenza ta' relazzjoni waħda ta' xogħol għal żmien determinat jew, kif sostniet quddiemha l-persuna kkonċernata, ta' żewġ relazzjonijiet ta' xogħol ta' dan it-tip.

21 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tindika li l-persuna kkonċernata ġiet irreklutata għar-raġunijiet previsti fl-Artikolu 9(1) tar-Regolamenti Qafas, li l-persuna li timpjegaha naqset milli twettaq l-obbligi tagħha, li jirriżultaw mill-Artikoli 10 u 70 tar-Regolamenti Bażiċi tal-Persunal Pubbliku, li tinkludi l-pożizzjoni li J. Sanchéz Ruiz jokkupa provviżorjament fl-offerta ta' impjieg li tikkorrispondi għall-eżerċizzju li matulu saret il-ħatra tiegħu jew matul is-sena sussegwenti jew, fi kwalunkwe każ, mhux iktar tard mit-tliet snin sussegwenti għal din is-sena, u li dan kellu bħala riżultat il-fatt li huwa okkupa din il-pożizzjoni provviżorjament matul 17-il sena. Minn dan jirriżulta li r-relazzjoni ta' xogħol ta' J. Sanchéz Ruiz tista' titqies li ġiet impliċitament estiża sena b'sena, anki jekk għandha l-forma ta' relazzjoni ta' xogħol waħda.

22 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, it-tieni nett, jekk il-fatt li J. Sanchéz Ruiz ta l-kunsens tiegħu għal din is-sitwazzjoni, sa fejn huwa ma kkontestax l-illegalità tat-tieni ħatra tiegħu u lanqas is-sitwazzjoni tiegħu b'mod iktar ġenerali, jistax jivvalida l-aġir tal-Komunità ta' Madrid, fil-każ fejn jidher li dan l-aġir imur kontra l-Ftehim qafas, u b'hekk iċaħħad lill-persuna kkonċernata mid-drittijiet li jagħtiha dan il-ftehim. Din il-qorti tirrileva, f'dan ir-rigward, li J. Sanchéz Ruiz jinsab f'sitwazzjoni stabbli, liema sitwazzjoni huwa jista' jittermina billi jitlob il-pubblikazzjoni tal-avviż ta' pożizzjoni vakanti jew billi jipparteċipa f'kompetizzjoni sabiex jaċċedi għall-istatus ta' persunal statutorju permanenti.

23 It-tielet nett, l-imsemmija qorti tindika li, skont il-ġurisprudenza tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja), it-tiġdid ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat huwa possibbli sakemm tali tiġdid ikun jissodisfa r-raġunijiet ta' reklutaġġ elenkati fl-Artikolu 9(1) tar-Regolamenti Qafas. Peress li s-settur pubbliku huwa kkaratterizzat min-neċessità li jiġu pprovduti

s-servizzi essenzjali għall-funzjonament tajjeb tal-kumpannija, il-kundizzjonijiet previsti f'din id-dispożizzjoni huma *ex officio* ssodisfatti u qatt ma huwa ser ikun possibbli li jiġi konkluż li jeżisti aġir abbużiv li jirriżulta mill-użu ta' tali kuntratti jew relazzjonijiet ta' xogħol.

24 Is-settur pubbliku tas-saħħa Spanjol ilu kkaratterizzat, għal żmien twil, mill-iżnaturament tar-relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat. Il-ħaddiema għal żmien determinat għandhom diversi relazzjonijiet ta' xogħol, billi jaħdmu kull jum tas-sena jew kważi kull jum tas-sena, għal diversi snin, peress li l-motiv tar-reklutaġġ tagħhom jibqa' jippersisti. Dawn il-ħaddiema jeżerċitaw l-istess funzjonijiet bħal dawk eżerċitati mill-persunal statutorju permanenti. Dawn b'hekk ikopru, fir-realtà, bżonnijiet permanenti ta' persunal. Għalhekk, f'din il-parti tas-settur pubbliku Spanjol, teżisti problema strutturali li tirriżulta f'perċentwali għolja ta' ħaddiema temporanji, li l-kontribuzzjoni tagħhom hija essenzjali għall-funzjonament tajjeb tal-imsemmi settur, kif ukoll fin-nuqqas ta' limiti massimi għan-numru ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi u n-nuqqas ta' osservanza tal-obbligu legali li jimtlew il-pożizzjonijiet temporanjament okkupati minn dan il-persunal permezz tal-impjieg ta' ħaddiema għal żmien indeterminat. Fil-fatt, madwar 75 % tal-ħaddiema tal-kategorija professjonali ta' J. Sanchéz Ruiz huma impjegati fil-kuntest ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat.

25 Il-qorti tar-rinviju tqis, f'dan ir-rigward, li, sabiex ikun jista' jiġi konkluż li teżisti "raġuni oġġettiva", fis-sens tal-klawżola 5(1)(a) tal-Ftehim qafas, li tiġġustifika t-tiġdid ta' tali relazzjonijiet ta' xogħol, l-użu tagħhom għandu mhux biss josserva r-raġunijiet ta' reklutaġġ previsti fl-Artikolu 9(1) tar-Regolamenti Qafas, iżda wkoll ikun *ad hoc*, ċirkustanzjali u sporadiku.

26 Ir-raba' nett, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-eżistenza fid-dritt Spanjol ta' miżuri li jistgħu jipprevjenu u, jekk ikun il-każ, jissanzjonaw l-abbużi li jirriżultaw mill-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi.

27 F'dan ir-rigward, din il-qorti tippreċiża li fid-dritt Spanjol ma jeżistux limiti fuq in-numru ta' ħatriet bħala membru tal-persunal statutorju temporanju. Barra minn hekk, fil-każ ta' nuqqas mill-persuna li timpjega pubblika li twettaq l-obbligi tagħha li jirriżultaw mill-Artikoli 10 u 70 tar-Regolamenti Bażiċi tal-Persunal Pubbliku, ma jkunx possibbli li dan jiġi suġġett għall-miżuri applikabbli għal persuna li timpjega privata. Fil-fatt, il-leġiżlazzjoni u l-ġurisprudenza nazzjonali applikabbli jostakolaw il-kisba tal-istatus ta' persunal statutorju permanenti b'mod ieħor milli permezz tas-suċċess tal-proċedura ta' selezzjoni.

28 Il-possibbiltà ta' konverżjoni tal-persunal statutorju temporanju f'persunal għal żmien indeterminat mhux permanenti, li tirriżulta mill-ġurisprudenza tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja), ma hijiex miżura sodisfaċenti għall-ġlieda kontra l-abbuż li jirriżulta mill-użu ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi, għaliex ikun possibbli li titneħħa l-pożizzjoni okkupata mill-ħaddiem ikkonċernat jew li jintemmu l-funzjonijiet tiegħu jekk din il-pożizzjoni tingħata lil ħaddiem statutorju permanenti.

29 Il-possibbiltà għall-amministrazzjoni pubblika li tikkonsolida l-impjieg ta' membri tal-persunal mhux permanenti jew ta' persunal temporanju permezz ta' eżamijiet, prevista mir-raba' dispożizzjoni tranżitorja tar-Regolamenti Bażiċi tal-Persunal Pubbliku, hija l-unika miżura li tista' tiġġieled kontra l-użu abbużiv ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi. Madankollu, din il-miżura hija maħsuba bħala sempliċi possibbiltà għall-persuna pubblika li timpjega u tiddependi mis-sempliċi rieda tagħha.

30 Il-ħames nett, skont il-qorti tar-rinviju, fil-kawża prinċipali, hemm inkwistjoni deċiżjonijiet amministrattivi definittivi bħal ħatriet, deċiżjonijiet ta' tmiem ta' funzjonijiet u avviżi ta' kompetizzjoni kif ukoll deċiżjonijiet definittivi mogħtija minn qrati li jiddeċiedu fl-ewwel u l-aħħar istanza. In-natura definittiva ta' dawn id-deċiżjonijiet u sentenzi tikkumplika l-irrappurtar, minn ħaddiema għal żmien

determinat, ta' irregolaritajiet imwettqa mill-amministrazzjoni u, għalhekk, it-twettiq tal-għanijiet tad-Direttiva 1999/70. Għaldaqstant, tqum il-kwistjoni dwar jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, id-dritt tal-Unjoni jeżiġix li jiġu rreveduti sentenzi jew atti amministrattivi definittivi.

31 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Juzgado de lo Contencioso-Administrativo nº8 de Madrid (il-Qorti Amministrattiva Nru 8 ta' Madrid) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Sitwazzjoni bħal dik deskritta f'din il-kawża (li fiha l-persuna li timpjega pubblika tonqos milli tosserva l-limiti *ratione temporis* legali meħtieġa u permezz ta' dan tippermetti [relazzjonijiet ta' xogħol] temporanji suċċessivi, jew iżżomm in-natura temporanja [ta' relazzjoni ta' xogħol] billi tibdel it-tip ta' ħatra minn temporanja għal interim jew ta' sostituzzjoni), tista' tinftiehem bħala użu suċċessiv ta' ħatriet abbużivi u għaldaqstant titqies bħala sitwazzjoni deskritta fil-klawżola 5 tal-Ftehim Qafas anness mad-Direttiva 1999/70/KE?

2) Id-dispożizzjonijiet fil-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, li jidhru fl-Anness tad-Direttiva 1999/70, fir-rigward tal-prinċipju ta' effettività, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu regoli proċedurali nazzjonali li jeħtieġu mill-ħaddiem temporanju aġir attiv ta' kontestazzjoni jew ta' appell (tal-ħatriet u tal-waqfien suċċessivi kollha), kundizzjoni meħtieġa sabiex dan jista' jaqa' taħt id-Direttiva Komunitarja, u jkun jista' jsostni d-drittijiet mogħija lilu mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni?

3) B'kunsiderazzjoni tal-fatt li fis-settur pubbliku u fl-eżerċizzju ta' servizzi essenzjali, in-neċessità li jiġu koperti pożizzjonijiet vakanti, mard, vaganzi hija essenzjalment "permanenti" u minħabba dan ikun neċessarju li jitfassal il-kunċett ta' "raġuni oġġettiva" li jiġġustifika r-reklutaġġ temporanju:
   a) Il-fatt li l-ħaddiem temporanju jwettaq, [relazzjonijiet ta' xogħol] interim suċċessivi mingħajr interruzzjoni billi jaħdem il-ġranet kollha tas-sena jew kważi, permezz ta' ħatriet/sejħiet konsekuttivi u suċċessivi li jiġu estiżi, fuq bażi kompletament stabbli mal-medda tas-snin, u meta dan iseħħ filwaqt li dejjem tiġi ssodisfatta r-raġuni għalfejn ġie msejjaħ, jista' jinftiehem li jkun kuntrarju għad-Direttiva 1999/70/KE (klawżola 5(1)(a)) u għalhekk li ma teżistix raġuni oġġettiva?
   b) Difett li huwa espress fil-perċentwali ta' kuntratt interim fis-settur inkwistjoni, [u/jew] li fih dawn in-neċessitajiet dejjem u bħala regola jiġu koperti minn ħaddiema temporanji, li jinbidlu b'mod stabbli f'element essenzjali fl-iżvilupp tas-settur pubbliku, għandu jinftiehem bħala neċessità permanenti u mhux temporanja u għaldaqstant li ma jaqax taħt ir-"raġuni oġġettiva" li tinsab fil-klawżola 5(1)(a) b'kunsiderazzjoni lejn il-parametri deskritti, jiġifieri l-eżistenza ta' numru kbir ta' ħatriet u ta' sejħiet, li jiġu estiżi matul is-snin, bħall-eżistenza ta' difett strutturali?
   c) Jew jista' jitqies li, essenzjalment, jeħtieġ sempliċement, sabiex jiġi stabbilit liema huwa l-limitu permess ta' temporanjetà, li jsir unikament riferiment għas-sens letterali tal-leġiżlazzjoni li tirregola l-użu ta' dawn il-ħaddiema temporanji, meta din tipprovdi li jistgħu jiġu maħtura minħabba raġunijiet ta' neċessità, ta' urġenza jew għall-iżvilupp ta' programmi ta' natura temporanja, staġonali jew straordinarja, b'mod definittiv, sabiex titqies li teżisti raġuni oġġettiva, l-użu tal-ħaddiema għandu jissodisfa dawn iċ-ċirkustanzi eċċezzjonali, u li dan jieqaf milli jkun il-każ u għaldaqstant jeżisti abbuż meta l-użu tagħhom ma jibqax iktar speċifiku, okkażjonali jew ċirkostanzjali?

4) Interpretazzjoni ta' raġunijiet ta' neċessità, ta' urġenza jew għall-iżvilupp ta' programmi ta' natura temporanja, staġonali jew straordinarja bħala raġunijiet oġġettivi għar-reklutaġġ u għat-tiġdid suċċessiv tal-ispeċjalisti informatiċi statutorji temporanji, meta dawn l-impjegati pubbliċi jeżerċitaw b'mod permanenti u stabbli funzjonijiet ordinarji li jsiru mill-impjegati statutorji fissi, mingħajr ma l-Amministrazzjoni li timpjega tistabbilixxi limiti massimi f'dawn il-ħatriet, u mingħajr ma twettaq l-obbligi legali sabiex timla dawn il-pożizzjonijiet u dawn in-neċessitajiet b'uffiċjali fissi, u lanqas ma tistabbilixxi miżura ekwivalenti sabiex tipprevjeni u tevita l-abbuż fir-relazzjoni ta' xogħol

temporanja suċċessiva, fejn jitwettqu s-servizzi pprovduti mill-impjegati li huma speċjalisti informatiċi statutorji temporanji għal perijodi ta' żmien, f'dan il-każ għal 17-il sena ta' servizzi kontinwi, hija konformi mal-Ftehim Qafas anness mad-Direttiva 1999/70/KE?

5) Id-dispożizzjonijiet fil-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, li jidhru fl-Anness tad-Direttiva 1999/70 u l-interpretazzjonijiet li tagħti dwaru l-Qorti tal-Ġustizzja, huma kompatibbli mal-ġurisprudenza tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja), sa fejn tistabbilixxi, mingħajr ma tieħu inkunsiderazzjoni kriterji oħra, l-eżistenza ta' raġunijiet oġġettivi fir-rigward tar-raġuni ta' ħatra, fil-limitu *ratione temporis* proprju tagħha, jew tiddetermina li huwa impossibbli li jiġi stabbilit terminu ta' paragun mal-uffiċjal permanenti, billi tirreferi għall-ordinament ġuridiku differenti, għas-sistema ta' aċċess, jew għall-permanenza stess fil-funzjonijiet tal-uffiċjali permanenti filwaqt li tirreferi għan-natura temporanja tal-funzjonijiet eżerċitati mill-membri tal-persunal interim?

6) Peress li l-qorti nazzjonali kkonstatat l-abbuż fir-reklutaġġ suċċessiv tal-impjieg pubbliku statutorju temporanju interim għas-servizz ta' SERMAS, li huwa intiż sabiex ikopri neċessitajiet permanenti u strutturali tal-provvista ta' servizzi tal-impjegati statutorji fissi, peress li fl-ordinament ġuridiku nazzjonali ma teżisti ebda miżura effettiva sabiex dan l-abbuż jiġi ssanzjonat u li jiġu eliminati l-konsegwenzi tal-ksur tad-dritt Komunitarju, il-klawżola 5 tal-Ftehim Qafas anness mad-Direttiva 1999/70/KE għandha tiġi interpretata fis-sens li tobbliga lill-qorti nazzjonali li tadotta miżuri effettivi u dissważivi li jiggarantixxu l-effett utli tal-Ftehim Qafas, u għaldaqstant, li tissanzjona dan l-abbuż u telimina l-konsegwenzi tal-ksur ta' din ir-regola Ewropea, u b'hekk tipprekludi milli tiġi applikata r-regola nazzjonali li timpedixxi dan?

   F'każ ta' risposta fl-affermattiv, u fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 41 tas-sentenza tagħha tal-14 ta' Settembru 2016, C-184/15 u C-197/15:

   It-trasformazzjoni tar-relazzjoni statutorja ta' xogħol temporanja interim/eventwali/sostituzzjoni, f'relazzjoni statutorja stabbli, kemm permezz ta' din il-ħatra bħala impjegat pubbliku fiss kif ukoll għal żmien indeterminat, bl-istess stabbiltà fl-impjieg bħall-impjegati statutorji fissi paragunabbli tkun konformi mal-għanijiet li għandhom jintlaħqu mid-Direttiva 1999/70/KE, bħala miżura għall-prevenzjoni u għall-issanzjonar tal-abbuż fir-relazzjoni ta' xogħol temporanja suċċessiva u sabiex tiġi eliminata l-konsegwenza tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni?

7) Fil-każ ta' abbuż fir-relazzjoni ta' xogħol temporanja suċċessiva, il-konverżjoni tar-relazzjoni statutorja temporanja interim f'relazzjoni għal żmien indeterminat jew fissa tista' tinftiehem li titwettaq biss skont l-għanijiet tad-Direttiva 1999/70/KE u tal-Ftehim Qafas tagħha, meta l-impjegat statutorju temporanju li jkun bata l-abbuż igawdi mill-istess kundizzjonijiet identiċi ta' xogħol fir-rigward tal-persunal statutorju fiss (fil-qasam ta' protezzjoni soċjali, promozzjoni professjonali, ħruġ ta' pożizzjonijiet vakanti, taħriġ professjonali, leave mingħajr ħlas, sitwazzjonijiet amministrattivi, leave ta' tip ieħor, drittijiet għall-pensjoni, u waqfien ta' pożizzjonijiet ta' xogħol, kif ukoll il-parteċipazzjoni għall-kompetizzjonijiet organizzati sabiex jimtlew pożizzjonijiet vakanti u l-promozzjoni professjonali), konformement mal-prinċipji ta' permanenza u ta' irremovibbiltà, bid-drittijiet u obbligi inerenti kollha, fuq livell ta' ugwaljanza mal-ispeċjalisti informatiċi statutorji fissi?

8) Id-dritt Komunitarju jobbliga li ssir reviżjoni ta' sentenzi/atti amministrattivi definittivi f'dawn iċ-ċirkustanzi deskritti kif ġej, meta jiġu ssodisfatti l-erba' kundizzjonijiet meħtieġa fis-sentenza tat-13 ta' Jannar 2004, Kühne & Heitz [(C-453/00, EU:C:2004:17)] fid-dritt Spanjol, l-Amministrazzjoni u l-qrati għandhom is-setgħa ta' reviżjoni, iżda bir-restrizzjonijiet rikonoxxuti li jagħmlu din ir-reviżjoni diffiċli ħafna jew li jkun impossibbli li tintlaħaq; 2) id-deċiżjonijiet ikkontestati saru definittivi bħala konsegwenza ta' sentenza ta' qorti nazzjonali li tiddeċiedi fl-aħħar/fl-unika istanza; 3) din is-sentenza hija bbażata fuq interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju mhux konformi

mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u li ġiet adottata mingħajr ma l-Qorti tal-Ġustizzja kienet ġiet adita b'talba għal deċiżjoni preliminari; u 4) il-persuna kkonċernata kienet indirizzat ruħha quddiem korp amministrattiv malli saret taf b'din il-ġurisprudenza?

9) Il-qrati nazzjonali bħall-qrati Ewropej li għandhom jiggarantixxu l-effett sħiħ tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri, jistgħu u għandhom jeħtieġu, u jikkundannaw lill-awtorità amministrattiva nazzjonali tal-Istati Membri sabiex – fil-kuntest tal-kompetenzi rispettivi tagħhom – jadottaw id-dispożizzjonijiet rilevanti sabiex jiġu eliminati r-regoli nazzjonali inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, b'mod ġenerali, u mad-Direttiva 1999/70/KE, u mal-Ftehim Qafas tagħha, b'mod partikolari?"

Il-Kawża C-429/18

32 B. Fernández Álvarez *et* ilhom jaħdmu fid-dipartiment tas-saħħa tal-Komunità ta' Madrid matul 12 sa 17-il sena skont il-każ, bħala membri tal-persunal statutorju temporanju. Hemmhekk huma jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' kirurgu dentali u kienu s-suġġett ta' bejn 82 u 227 ħatriet suċċessivi, skont il-każ ukoll.

33 Il-Komunità ta' Madrid ma inkludietx il-pożizzjonijiet provviżorjament okkupati minn B. Fernández Álvarez *et* fl-offerta ta' impjieg li tikkorrispondi għas-snin li matulhom saru l-ħatriet rispettivi tagħhom jew matul is-snin sussegwenti jew, fi kwalunkwe każ, sa mhux iktar tard mit-tliet snin sussegwenti għal dawn, kif jeżiġu l-Artikoli 10 u 70 tar-Regolamenti Bażiċi tal-Persunal Pubbliku. Fil-fatt, matul il-ħmistax-il sena qabel id-deċiżjoni tar-rinviju, ġie ppubblikat avviż ta' kompetizzjoni wieħed għall-kategorija professjonali ta' dentisti speċjalisti, f'dan il-każ matul is-sena 2015.

34 Fit-22 ta' Lulju 2016, B. Fernández Álvarez *et* talbu lill-Komunità ta' Madrid ir-rikonoxximent tal-kwalità tagħhom ta' membri tal-persunal statutorju permanenti jew, sussidjarjament, ta' persunal pubbliku li jibbenefika minn status simili, li fir-rigward tiegħu japplikaw il-prinċipji ta' permanenza u ta' irremovabbiltà, minħabba li s-sitwazzjoni tagħhom kienet tmur kontra r-rekwiżiti tal-Ftehim qafas.

35 Fis-26 ta' Awwissu 2016, il-Komunità ta' Madrid ċaħdet it-talba tagħhom. Fit-23 ta' Novembru 2016, hija ċaħdet ukoll l-appell amministrattiv li huma kienu ppreżentaw kontra d-deċiżjoni tas-26 ta' Awwissu 2016.

36 B. Fernández Álvarez *et* ippreżentaw rikors kontra din id-deċiżjoni ta' ċaħda quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Juzgado Contencioso-Administrativo nº14 de Madrid (il-Qorti Amministrattiva Nru 14 ta' Madrid, Spanja). Insostenn ta' dan, huma jsostnu li l-persuna li timpjegahom tirrikorri b'mod abbużiv għal relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat, sabiex tissodisfa bżonnijiet permanenti u strutturali u billi ġġeddidhom mingħajr raġuni oġġettiva.

37 Il-qorti tar-rinviju tindika li ma jistax jiġi kkontestat li B. Fernández Álvarez *et* ġew ingaġġati fil-kuntest ta' relazzjonijiet ta' xogħol suċċessivi ta' natura differenti u li l-funzjonijiet li huma jeżerċitaw f'dan il-kuntest huma identiċi għal dawk eżerċitati mill-persunal statutorju permanenti. Barra minn hekk, minkejja li dawn ir-relazzjonijiet ta' xogħol jiġu konklużi għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolamenti Qafas, ir-reklutaġġ ta' B. Fernández Álvarez *et* huwa intiż li jkopri bżonn permanenti u fit-tul tal-Komunità ta' Madrid fil-qasam tal-persunal, peress li jikkumpensa defiċit strutturali ta' dentisti li għandhom status ta' persunal statutorju permanenti. Fil-fatt, 38.77 % biss tal-ħaddiema fil-kategorija professjonali tad-dentisti speċjalisti huma impjegati bħala persunal statutorju permanenti.

38 Din il-qorti tistaqsi dwar l-eżistenza fid-dritt Spanjol ta' miżuri li jistgħu jipprevjenu u, jekk ikun il-każ, jissanzjonaw l-abbużi li jirriżultaw mill-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi. Hija tistaqsi b'mod partikolari jekk, fis-sitwazzjoni ta' B. Fernández Álvarez *et*, l-organizzazzjoni ta' proċedura ta' selezzjoni u l-għoti ta' kumpens ekwivalenti għal dak imħallas

fil-każ ta' tkeċċija abbużiva jistgħux jikkostitwixxu tali miżuri. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tirrileva li n-natura effettiva u disswaživa tal-organizzazzjoni ta' proċedura ta' selezzjoni hija dubjuża, peress li dan ma jkollu ebda effett negattiv għall-persuna pubblika li timpjega li hija responsabbli għall-abbuż. Min-naħa l-oħra, l-għoti ta' kumpens ekwivalenti għal dak imħallas fil-każ ta' tkeċċija abbużiva jissodisfa r-rekwiżiti ta' proporzjonalità u ta' effettività u jkollu effett disswaživ.

39 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Juzgado de lo Contencioso-Administrativo nº14 de Madrid (il-Qorti Amministrattiva Nru 14 ta' Madrid) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Hija konformi mal-Ftehim Qafas anness mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE l-interpretazzjoni mogħtija mill-Juzgado Contencioso-Administrativo, li r-reklutaġġ temporanju [ta' B. Fernández Álvarez *et*] jikkostitwixxi abbuż, sa fejn il-persuna pubblika li timpjega tuża forom differenti ta' reklutaġġ, kollha temporanji, għat-twettiq[,] b'mod permanenti u stabbli, ta' funzjonijiet ordinarji li jsiru mill-impjegati statutorji fissi; ikopru difetti strutturali u ħtiġijiet li, fil-fatt, ma humiex provviżorji, iżda permanenti u stabbli? Huwa għalhekk li dan ir-reklutaġġ temporanju hawn deskritt ma huwiex iġġustifikat fis-sens tal-klawżola 5(1)(a) tal-Ftehim Qafas, bħala raġuni oġġettiva, sa fejn tali użu ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien iddeterminat jipprekludi direttament it-tieni paragrafu tal-preambolu tal-Ftehim Qafas u l-punti 6 u 8 tal-kunsiderazzjonijiet ġenerali ta' dan il-ftehim, peress li ċ-ċirkustanzi li jiġġustifikaw tali kuntratti ta' xogħol għal żmien iddeterminat ma humiex issodisfatti?

2) Hija konformi mal-Ftehim Qafas anness mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE l-interpretazzjoni mogħtija mill-Juzgado Contencioso-Administrativo, li l-organizzazzjoni ta' proċedura ta' selezzjoni ordinarja li għandha l-karetteristiċi deskritti[,] ma hijiex miżura ekwivalenti, u lanqas ma tista' titqies bħala sanzjoni, peress li ma hijiex proporzjonali għall-abbuż imwettaq, li l-konsegwenza tiegħu huwa t-tmiem tas-servizz tal-ħaddiem temporanju, bi ksur tal-għanijiet tad-Direttiva [1999/70] u ż-żamma tal-qagħda sfavorevoli tal-impjegati statutorji temporanji, u lanqas ma tista' tiġi kkunsidrata bħala miżura effettiva minħabba li ma tikkawża l-ebda ħsara lill-persuna li timpjega u lanqas ma tissodisfa kwalunkwe funzjoni disswaživa, u għalhekk ma tikkonformax mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 1999/70 peress li ma tiggarantixxix li l-Istat Spanjol jilħaq ir-riżultati stabbiliti [fl-imsemmija] Direttiva?

3) Hija konformi mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 1999/70 u mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [tal-14 ta' Settembru 2016, Pérez López (C-16/15, EU:C:2016:679)] l-interpretazzjoni mogħtija mill-Juzgado Contencioso-Administrativo, li l-organizzazzjoni ta' proċedura ta' selezzjoni konformi mal-prinċipju ta' kompetizzjoni libera ma tikkostitwixxix sanzjoni adegwata sabiex tissanzjona l-abbuż fir-reklutaġġ temporanju suċċessiv, peress li l-leġiżlazzjoni Spanjola ma tipprovdix għal mekkaniżmu ta' sanzjoni effettiva u disswaživa li ttemm l-abbuż fil-ħatra ta' persunal statutorju temporanju, u ma tippermettix li dawn il-pożizzjonijiet strutturali jimtlew mill-persunal li kien is-suġġett ta' abbuż, b'tali mod li s-sitwazzjoni ta' prekarjetà ta' dawn il-ħaddiema tippersisti?

4) Hija konsistenti l-interpretazzjoni mogħtija mill-Juzgado Contencioso-Administrativo, li l-konverżjoni ta' impjiegi tal-ħaddiema temporanji vittmi ta' abbuż "għal żmien indeterminat mhux permanenti" ma tikkostitwixxix sanzjoni effettiva, sa fejn jistgħu jintemmu l-funzjonijiet ta' ħaddiem li jkun kiseb dan l-istatus, jew billi l-pożizzjoni tiegħu tiġi koperta permezz ta' proċedura ta' selezzjoni jew bit-tneħħija ta' din il-pożizzjoni, u għalhekk ma hijiex konformi mal-Ftehim Qafas sabiex jiġi evitat l-użu abbużiv ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien iddeterminat, sa fejn ma jiġix issodisfat l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 1999/70 peress li ma tiggarantixxix li l-Istat Spanjol jilħaq ir-riżultati stabbiliti fid-Direttiva?

Minħabba f'din is-sitwazzjoni huwa meħtieġ li wieħed itenni d-domandi li ġejjin magħmula fil-kuntest tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari tat-30 ta' Jannar 2018, imressaq mill-Juzgado de lo Contencioso-Administrativo nº 8 de Madrid [il-Qorti Amministrattiva Nru 8 ta' Madrid)] [fil-kuntest tal-Kawża C-103/18]:

5) Peress li l-qorti nazzjonali kkonstatat l-abbuż fir-reklutaġġ suċċessiv tal-impjieg pubbliku statutorju temporanju interim għas-servizz ta' [tal-Komunità ta' Madrid], li huwa intiż sabiex ikopri neċessitajiet permanenti u strutturali tal-provvista ta' servizzi tal-impjegati statutorji fissi, peress li fl-ordinament ġuridiku nazzjonali ma teżisti ebda miżura effettiva sabiex dan l-abbuż jiġi ssanzjonat u li jiġu eliminati l-konsegwenzi tal-ksur tad-dritt Komunitarju, il-klawżola 5 tal-Ftehim Qafas […] għandha tiġi interpretata fis-sens li tobbliga lill-qorti nazzjonali li tadotta miżuri effettivi u dissważivi li jiggarantixxu l-effett utli tal-Ftehim Qafas, u għaldaqstant, li tissanzjona dan l-abbuż u telimina l-konsegwenzi tal-ksur ta' din ir-regola Ewropea, u b'hekk tipprekludi milli tiġi applikata r-regola nazzjonali li timpedixxi dan?

F'każ ta' risposta fl-affermattiv, u fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 41 tas-[sentenza tal-14 ta' Settembru 2016, Mart C-184/15 u C-197/15:

Il-konverżjoni tar-relazzjoni statutorja ta' xogħol temporanja interim/eventwali/sostituzzjoni, f'relazzjoni statutorja stabbli, permezz ta' din il-ħatra bħala impjegat pubbliku fiss jew għal żmien indeterminat, bl-istess stabbiltà fl-impjieg bħall-impjegati statutorji fissi paragunabbli, u dan fid-dawl tal-fatt li l-liġi Spanjola tipprojbixxi b'mod assolut, fis-settur pubbliku, il-konverżjoni ta' kuntratti ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat f'kuntratti ta' xogħol għal żmien indeterminat u ma tinkludix xi miżura effettiva oħra sabiex tevita u, jekk ikun il-każ, tissanzjona l-użu abbużiv ta' kuntratti ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat, hija konformi mal-għanijiet li għandhom jintlaħqu mid-Direttiva 1999/70/KE, bħala miżura għall-prevenzjoni u għall-issanzjonar tal-abbuż fir-relazzjoni ta' xogħol temporanja suċċessiva u sabiex tiġi eliminata l-konsegwenza tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni?

6) Fil-każ ta' abbuż fir-relazzjoni ta' xogħol temporanja suċċessiva, il-konverżjoni tar-relazzjoni statutorja temporanja interim f'relazzjoni għal żmien indeterminat jew fissa tista' tinftiehem li titwettaq biss skont l-għanijiet tad-Direttiva 1999/70/KE u tal-Ftehim Qafas tagħha, meta l-impjegat statutorju temporanju li jkun safa vittma tal-abbuż igawdi mill-istess kundizzjonijiet ta' xogħol fir-rigward tal-persunal statutorju fiss (fil-qasam ta' protezzjoni soċjali, promozzjoni professjonali, ħruġ ta' pożizzjonijiet vakanti, taħriġ professjonali, leave mingħajr ħlas, sitwazzjonijiet amministrattivi, leave ta' tip ieħor, drittijiet għall-pensjoni, u waqfien ta' pożizzjonijiet ta' xogħol, kif ukoll il-parteċipazzjoni għall-kompetizzjonijiet organizzati sabiex jimtlew pożizzjonijiet vakanti u l-promozzjoni professjonali), konformement mal-prinċipji ta' permanenza u ta' irremovibbiltà, bid-drittijiet u obbligi inerenti kollha, fuq livell ta' ugwaljanza mal-ispeċjalisti informatiċi statutorji fissi?

7) Fil-każ tal-eżistenza ta' użu abbużiv ta' kuntratti temporanji ta' impjieg sabiex jiġu ssodisfatti l-ħtiġijiet permanenti, mingħajr ma tkun teżisti raġuni oġġettiva, liema kuntratti ma jkunux jissodisfaw il-ħtieġa urġenti u imperattiva li tiġġustifikahom, fl-assenza ta' sanzjonijiet jew limiti effettivi fid-dritt nazzjonali [Spanjol], kumpens, ekwiparabbli għal dak li jingħata fil-każ ta' tkeċċija abbużiva, bħala sanzjoni adegwata, proporzjonat, effettiva u dissważiva, huwa konformi mal-għanijiet li d-Direttiva 1999/70/KE tipprova tilħaq, bħala miżura għall-prevenzjoni tal-abbuż u sabiex konsegwentement jiġi eliminat il-ksur tad-dritt tal-Unjoni, meta l-persuna li timpjega ma toffrix pożizzjoni permanenti lill-ħaddiem?"

Fuq it-talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura

40 Wara l-preżentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, B. Fernández Álvarez *et* talbu, permezz ta' att iddepożitat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Novembru 2019, li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura skont l-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

41 Insostenn tat-talba tagħhom, B. Fernández Álvarez *et* isostnu, essenzjalment, li l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali huma bbażati fuq żbalji li għandhom jiġu rrettifikati u jinkludu formulazzjonijiet li ma ġewx diskussi bejn il-partijiet, jew jikkontradixxu dak li dawn irrikonoxxew. Qabelxejn, il-kumpens lill-persunal pubbliku vittmi ta' użu abbużiv tar-relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi, li l-Avukat Ġenerali semmiet fil-punti 75 sa 78 tal-konklużjonijiet tagħha, ma jeżistix fid-dritt Spanjol. Bl-istess mod, il-mekkaniżmu ta' sanzjoni effettiva u dissważiva, li l-Avukat Ġenerali semmiet fil-punt 77 tal-konklużjonijiet tagħha, huwa wkoll nieqes f'dan id-dritt, peress li dan tal-aħħar ma jippermettix li tiġi imposta multa fuq l-awtoritajiet amministrattivi. Sussegwentement, il-pożizzjoni, allegatament espressa mill-Avukat Ġenerali fil-punt 85 tal-konklużjonijiet tagħha, li l-konverżjoni tar-relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat f'relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien indeterminat għandha ssir, fl-assenza ta' miżuri oħra, skont proċedura valida, sabiex jiġi ddeterminat b'mod ċar l-ordni tal-ħatriet, tikkostitwixxi element ġdid u huwa indispensabbli li l-partijiet ikollhom il-possibbiltà li jippreżentaw il-pożizzjoni tagħhom f'dan ir-rigward. Fl-aħħar nett, l-Avukat Ġenerali, fil-punt 82 tal-konklużjonijiet tagħha, introduċiet fatt ġdid li ma huwiex sostnut mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, billi qieset li l-membri tal-persunal temporanju tal-Komunità ta' Madrid li kienu vittmi ta' użu abbużiv ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi ma jistgħux jaċċedu għall-istabbiltà tal-impjieg, għaliex huma ma tawx prova tal-merti tagħhom u tal-kapaċità tagħhom fil-kuntest ta' proċedura ta' selezzjoni.

42 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 252 TFUE, l-Avukat Ġenerali għandu jippreżenta pubblikament, bl-ikbar imparzjalità u b'indipendenza sħiħa, konklużjonijiet motivati dwar il-kawżi li, skont l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jeħtieġu l-intervent tiegħu. Il-Qorti tal-Ġustizzja la hija marbuta b'dawn il-konklużjonijiet u lanqas bil-motivazzjoni li abbażi tagħha l-Avukat Ġenerali jasal għal dawn il-konklużjonijiet (sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, College Pension Plan of British Columbia, C-641/17, EU:C:2019:960, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 F'dan il-kuntest għandu jitfakkar ukoll li la l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u lanqas ir-Regoli tal-Proċedura ma jipprevedu l-possibbiltà għall-partijiet jew għall-partijiet ikkonċernati msemmija fl-Artikolu 23 ta' dan l-istatut li jippreżentaw osservazzjonijiet bi tweġiba għall-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali. In-nuqqas ta' qbil ta' parti jew ta' tali parti kkonċernata mal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ikunu liema jkunu l-kwistjonijiet li jkun eżamina hemmhekk, ma jistax, konsegwentement, jikkostitwixxi fih innifsu raġuni li tiġġustifika l-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali (sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, College Pension Plan of British Columbia, C-641/17, EU:C:2019:960, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 Isegwi li, sa fejn it-talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali mressqa minn B. Fernández Álvarez *et* hija intiża sabiex dawn ikunu jistgħu jwieġbu l-konstatazzjonijiet magħmula mill-Avukat Ġenerali fil-konklużjonijiet tiegħu, din ma tistax tintlaqa'.

45 Huwa minnu li, skont l-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'kull ħin, wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tordna l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura, b'mod partikolari meta tqis li ma għandhiex informazzjoni biżżejjed jew meta waħda mill-partijiet tippreżenta, wara l-għeluq ta' din il-fażi, fatt ġdid ta' natura li jeżerċita influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, jew inkella meta l-kawża jkollha tiġi deċiża fuq il-bażi ta' argument li ma kienx indirizzat mill-partijiet jew mill-partijiet interessati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

46 Għandu jitfakkar, madankollu, li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-ordinament ġuridiku nazzjonali, hija għandha bħala prinċipju tibbaża lilha nnifisha fuq il-punti li jirriżultaw mill-qorti tar-rinviju u ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-dritt intern ta' Stat Membru (sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, College Pension Plan of British Columbia, C-641/17, EU:C:2019:960, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Madankollu, id-deċiżjonijiet tar-rinviju jinkludu l-informazzjoni neċessarja relatata mad-dispożizzjonijiet tad-dritt Spanjol u, b'mod partikolari, mad-dispożizzjonijiet applikabbli lill-membri tal-persunal pubbliku Spanjoli, li għandha tibbaża ruħha fuqha l-Qorti tal-Ġustizzja.

48 F'dawn iċ-ċirkustanzi, wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li hija għandha l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex tirrispondi għad-domandi magħmula mill-qrati tar-rinviju.

49 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti ma hemmx lok li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura.

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda fil-Kawża C-103/18

50 Permezz tal-ewwel domanda tagħha fil-Kawża C-103/18, il-qorti tar-rinviju tixtieq tikseb preċiżazzjonijiet dwar il-kunċett ta' "kuntratti jew relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi", fis-sens tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas.

51 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li din id-domanda tikkonċerna l-fatt li, f'dan il-każ, D. Sánchez Ruiz ġie ngaġġat mill-Komunità ta' Madrid fil-kuntest ta' relazzjoni ta' xogħol għal żmien determinat f'pożizzjoni vakanti sakemm din tal-aħħar timtela b'mod definittiv, li din il-persuna li timpjega ma osservatx it-terminu, previst mil-leġiżlazzjoni Spanjola, għall-organizzazzjoni ta' proċedura ta' selezzjoni intiża sabiex timtela din il-pożizzjoni b'mod definittiv u li din ir-relazzjoni ta' xogħol għalhekk baqgħet għaddejja għal diversi snin. Barra minn hekk, minn din id-deċiżjoni jirriżulta li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li r-relazzjoni ta' xogħol tal-persuna kkonċernata ġiet impliċitament estiża sena b'sena. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li, minkejja li D. Sánchez Ruiz kien is-suġġett, f'Novembru 1999 u f'Diċembru 2011, ta' żewġ ħatriet mill-Komunità ta' Madrid, huwa okkupa b'mod mhux interrott l-istess pożizzjoni ta' xogħol u eżerċita, b'mod kostanti u kontinwu, l-istess funzjonijiet fis-servizz ta' din l-istess persuna li timpjega.

52 Minn dan jirriżulta li, permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-klawżola 5 tal-Ftehim qafas għandhiex tiġi interpretata fis-sens li l-kunċett ta' "kuntratti jew relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, ikoprix sitwazzjoni li fiha ħaddiem irreklutat fuq il-bażi ta' relazzjoni ta' xogħol għal żmien determinat, jiġifieri sakemm il-pożizzjoni vakanti li fir-rigward tagħha huwa jkun ġie rreklutat timtela b'mod definittiv, ikun okkupa, fil-kuntest ta' diversi ħatriet, l-istess pożizzjoni ta' xogħol b'mod interrott matul diversi snin u jkun eżerċita, b'mod kostanti u kontinwu, l-istess funzjonijiet, bil-konsegwenza tkun iż-żamma b'mod kontinwu ta' dan il-ħaddiem f'din il-pożizzjoni minħabba n-nuqqas ta' osservanza tal-persuna li timpjega tal-obbligu legali tagħha li torganizza fit-terminu stabbilit proċedura ta' selezzjoni intiża li timtela l-imsemmija pożizzjoni vakanti b'mod definittiv b'mod li r-relazzjoni ta' xogħol tiegħu tkun impliċitament ġiet estiża sena b'sena.

53 Għandu jitfakkar li l-għan tal-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas huwa li jimplimenta wieħed mill-għanijiet imfittxija mill-imsemmi ftehim, jiġifieri li jiġi rregolat l-użu suċċessiv ta' kuntratti jew relazzjonijiet ta' impjieg għal żmien determinat, meqjusa bħala sors potenzjali ta' abbuż għad-detriment tal-ħaddiema,

billi jipprovdi numru ta' dispożizzjonijiet minimi ta' protezzjoni intiżi sabiex jiġi evitat li s-sitwazzjoni tal-impjegati ssir iktar prekarja (sentenza tal-14 ta' Settembru 2016, Pérez López, C-16/15, EU:C:2016:679, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 Fil-fatt, kif jirriżulta mit-tieni paragrafu tal-preambolu tal-Ftehim qafas, kif ukoll mill-punti 6 u 8 tal-kunsiderazzjonijiet ġenerali tal-imsemmi Ftehim qafas, il-benefiċċju tal-istabbiltà tal-impjieg huwa kkonċepit bħala element prinċipali tal-protezzjoni tal-ħaddiema, filwaqt li huwa biss f'ċerti ċirkustanzi li kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat jistgħu jissodisfaw kemm il-bżonnijiet tal-persuni li jimpjegaw kif ukoll dawk tal-ħaddiema (sentenza tal-14 ta' Settembru 2016, Pérez López, C-16/15, EU:C:2016:679, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

55 Għaldaqstant, il-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas tobbliga lill-Istati Membri, bil-għan ta' prevenzjoni abbużiva ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat, bl-adozzjoni ta' miżura jew miżuri elenkati fil-każ fejn id-dritt nazzjonali ma jinkludix miżuri legali ekwivalenti għall-prevenzjoni ta' tali abbuż (sentenza tal-14 ta' Settembru 2016, Pérez López, C-16/15, EU:C:2016:679, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

56 Mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas tapplika biss fil-preżenza ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet tax-xogħol għal żmien determinat suċċessivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Novembru 2005, Mangold, C-144/04, EU:C:2005:709, punti 41 u 42; tas-26 ta' Jannar 2012, Kücük, C-586/10, EU:C:2012:39, punt 45, kif ukoll tat-22 ta' Jannar 2020, Baldonedo Martín, C-177/18, EU:C:2020:26, punt 71).

57 Il-klawżola 5(2) tal-Ftehim qafas tħalli, fil-prinċipju, f'idejn l-Istati Membri u.jew lill-imsieħba soċjali sabiex jiddeterminaw huma taħt liema kundizzjonijiet kuntratti jew relazzjonijiet tal-impjieg għal żmien determinat għandhom jitqiesu bħala "suċċessivi" (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Lulju 2006, Adeneler *et*, C-212/04, EU:C:2006:443, punt 81; tal-21 ta' Novembru 2018, de Diego Porras, C-619/17, EU:C:2018:936, punt 79, u tat-22 ta' Jannar 2020, Baldonedo Martín, C-177/18, EU:C:2020:26, punt 71).

58 Filwaqt li tali referenza għall-awtoritajiet nazzjonali għall-bżonnijiet tad-definizzjoni tal-arranġamenti konkreti tal-applikazzjoni tat-terminu "suċċessivi" skont il-Ftehim qafas tispjega ruħha mix-xewqa li tiġi ppreżervata d-diversità tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali fil-qasam, għandu madankollu jitfakkar li l-marġni diskrezzjonali kif mogħti lill-Istati Membri ma huwiex illimitat, peress li f'ebda każ ma jista' jintuża sabiex jiġu kkontestati l-għan jew l-effettività tal-Ftehim qafas. B'mod partikolari, din is-setgħa diskrezzjonali ma għandhiex tiġi eżerċitata mill-awtoritajiet nazzjonali b'mod li twassalha għal sitwazzjoni li tista' tagħti lok għal abbużi u għaldaqstant li tmur kontra l-imsemmi għan.

59 Fil-fatt, l-Istati Membri huma marbuta li jiggarantixxu r-riżultat impost mid-dritt tal-Unjoni, kif jirriżulta mhux biss mit-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, iżda wkoll mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 1999/70, moqri fid-dawl tal-premessa 17 ta' din tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2006, Adeneler *et*, C-212/04, EU:C:2006:443, punt 68).

60 Il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali mogħtija lill-Istati Membri, li hemm riferiment għalihom fil-punt 58 ta' din is-sentenza, huma partikolarment importanti fir-rigward ta' kunċett prinċipali, bħall-kunċett ta' relazzjonijiet ta' xogħol suċċessivi, li huwa determinanti għad-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni stess tad-dispożizzjonijiet nazzjonali intiżi sabiex jimplimentaw il-Ftehim qafas (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2006, Adeneler *et*, C-212/04, EU:C:2006:443, punt 83).

61 Kif essenzjalment irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punt 44 tal-konklużjonijiet tagħha, il-fatt li jiġi konkluż li ma kienx hemm relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi, fis-sens tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas, minħabba s-sempliċi raġuni li l-ħaddiem ikkonċernat, minkejja li kien is-suġġett ta' diversi ħatriet, okkupa b'mod mhux interrott l-istess pożizzjoni ta' xogħol għal diversi snin u eżerċita, b'mod kostanti u kontinwu, l-istess funzjonijiet, għalkemm iż-żamma b'mod kontinwu ta' dan

il-ħaddiem f'pożizzjoni vakanti abbażi ta' relazzjoni ta' xogħol għal żmien determinat hija l-konsegwenza tan-nuqqas ta' osservanza tal-persuna li timpjega tal-obbligu legali tagħha li torganizza fit-terminu stabbilit proċedura ta' selezzjoni intiża li timtela l-imsemmija pożizzjoni vakanti b'mod definittiv u li għaldaqstant minħabba dan ir-relazzjoni ta' xogħol tiegħu tkun impliċitament estiża sena b'sena, ikollu r-riskju li jikkompromietti l-għan, il-finalità kif ukoll l-effett utli ta' dan il-ftehim.

62 Fil-fatt, tali definizzjoni restrittiva tal-kunċett ta' "kuntratti jew relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi" tippermetti li jiġu impjegati ħaddiema b'mod prekarju matul diversi snin (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2006, Adeneler *et*, C-212/04, EU:C:2006:443, punt 85).

63 Barra minn hekk, din l-istess definizzjoni restrittiva jkollha r-riskju li jkollha bħala effett mhux biss l-esklużjoni, fil-prattika, ta' numru kbir ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat mill-benefiċċju ta' protezzjoni tal-ħaddiema mfittex mid-Direttiva 1999/70 u mill-Ftehim qafas, billi tinnega l-għan ta' dawn, iżda wkoll li tippermetti l-użu abbużiv ta' tali relazzjonijiet mill-impjegati sabiex jiġu ssodisfatti l-bżonnijiet permanenti u sostenibbli fil-qasam tal-persunal.

64 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda fil-Kawża C-103/18 għandha tkun li l-klawżola 5 tal-Ftehim qafas għandha tiġi interpretata fis-sens li l-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali ma jistgħux jeskludu mill-kunċett ta' "kuntratti jew relazzjonijiet tal-impjieg suċċessivi għal żmien determinat", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, sitwazzjoni li fiha ħaddiem irreklutat fuq il-bażi ta' relazzjoni ta' xogħol għal żmien determinat, jiġifieri sakemm il-pożizzjoni vakanti li fir-rigward tagħha jkun ġie rreklutat timtela b'mod definittiv, ikun okkupa, fil-kuntest ta' diversi ħatriet, l-istess pożizzjoni ta' xogħol b'mod interrott matul diversi snin u jkun eżerċita, b'mod kostanti u kontinwu, l-istess funzjonijiet, bil-konsegwenza tkun iż-żamma b'mod kontinwu ta' dan il-ħaddiem f'din il-pożizzjoni minħabba n-nuqqas ta' osservanza tal-persuna li timpjega tal-obbligu legali tagħha li torganizza fit-terminu stabbilit proċedura ta' selezzjoni intiża li timtela l-imsemmija pożizzjoni vakanti b'mod definittiv b'mod li r-relazzjoni ta' xogħol tiegħu tkun ġiet impliċitament estiża sena b'sena.

Fuq it-tielet sal-ħames domanda fil-Kawża C-103/18 kif ukoll fuq l-ewwel domanda fil-Kawża C-429/18

65 Permezz tat-tielet sal-ħames domanda tagħhom fil-Kawża C-103/18 u tal-ewwel domanda fil-Kawża C-429/18, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qrati tar-rinviju jistaqsu, essenzjalment, jekk il-klawżola 5 tal-Ftehim qafas għandhiex tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni u ġurisprudenza nazzjonali li jipprovdu li t-tiġdid suċċessiv ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat jitqies bħala ġġustifikat minn "raġunijiet oġġettivi", fis-sens tal-punt 1(a) ta' din il-klawżola, abbażi tar-raġuni unika li dan it-tiġdid ikun jissodisfa r-raġunijiet ta' reklutaġġ li hemm riferiment għalihom f'din il-leġiżlazzjoni, jiġifieri raġunijiet ta' neċessità, ta' urġenza jew l-iżvilupp ta' programmi ta' natura temporanja, staġonali jew straordinarja.

66 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-kunċett ta' "raġunijiet oġġettivi" fis-sens tal-klawżola 5(1)(a) tal-Ftehim qafas għandu jinftiehem bħala li jfisser ċirkustanzi preċiżi u konkreti li jikkaratterizzaw attività partikolari u, għaldaqstant, ta' natura li jiġġustifikaw f'dan il-kuntest partikolari l-użu ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi. Dawn iċ-ċirkustanzi jistgħu jirriżultaw, b'mod partikolari, min-natura partikolari tal-kompiti li fir-rigward tagħhom tali kuntratti ġew konklużi u mill-karatteristiċi intrinsiċi tagħhom jew, jekk ikun il-każ, mit-tfittxija ta' għan leġittimu ta' politika soċjali ta' Stat Membru (sentenza tal-14 ta' Settembru 2016, Pérez López, C-16/15, EU:C:2016:679, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

67 Min-naħa l-oħra, dispożizzjoni nazzjonali li tillimita ruħha li tawtorizza, b'mod ġenerali u astratt permezz ta' regola leġiżlattiva jew regolament, l-użu ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat ma hijiex konformi mar-rekwiżiti msemmija fil-punt preċedenti tas-sentenza preżenti (sentenza tal-14 ta' Settembru 2016, Pérez López, C-16/15, EU:C:2016:679, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

68 Fil-fatt, tali dispożizzjoni purament formali ma tippermettix li jiġu identifikati kriterji oġġettivi u trasparenti sabiex jiġi vverifikat jekk it-tiġdid ta' tali kuntratti jissodisfax effettivament bżonn veru, jekk huwiex ta' natura li jilħaq l-għan imfittex u jekk huwiex neċessarju għal dan l-iskop. Tali dispożizzjoni tinvolvi għalhekk riskju reali li jsir użu abbużiv minn dan it-tip ta' kuntratti u għalhekk ma hijiex kompatibbli mal-għan u mal-effettività tal-Ftehim qafas (sentenza tal-14 ta' Settembru 2016, Pérez López, C-16/15, EU:C:2016:679, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

69 Fir-rigward tal-kawżi prinċipali, għandu jiġi rrilevat li l-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti tiddetermina b'mod preċiż il-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jiġu konklużi l-kuntratti jew ir-relazzjonijiet ta' impjieg għal żmien determinat suċċessivi. Fil-fatt, l-użu ta' tali kuntratti huwa permess, skont l-Artikolu 9(3) tar-Regolamenti Qafas, skont il-każijiet, meta jikkonċerna l-provvista ta' servizzi paritkolari ta' natura temporanja, awżiljarja jew straordinarja, meta jkun neċessarju sabiex jiżgura t-tħaddim permanenti u kontinwu taċ-ċentri tas-saħħa jew sabiex jingħataw servizzi addizzjonali li jikkumpensaw it-tnaqqis tal-ħin tax-xogħol normali.

70 Din id-dispożizzjoni tispeċifika wkoll li, jekk ikun hemm iktar minn żewġ ħatriet għall-provvista tal-istess servizzi għal tul kumulattiv ta' tnax-il xahar jew iktar, fuq perijodu ta' sentejn, l-amministrazzjoni kompetenti għandha teżamina l-kawżi ta' dawn il-ħatriet u tiddeċiedi jekk għandhiex toħloq pożizzjoni strutturali addizzjonali.

71 Minn dan isegwi li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tistabbilixxix awtorizzazzjoni ġenerali u astratta sabiex jintużaw kuntratti ta' impjieg għal żmien determinat suċċessivi, iżda tillimita l-użu ta' dawn il-kuntratti sabiex jintlaħqu, essenzjalment, bżonnijiet provviżorji.

72 F'dan ir-rigward, sostituzzjoni temporanja ta' ħaddiem sabiex jiġu ssodisfatti l-bżonnijiet provviżorji tal-persuna li timpjega f'termini ta' persunal tista', bħala prinċipju, tikkostitwixxi "raġuni oġġettiva" fis-sens tal-klawżola 5(1)(a) ta' dan il-ftehim qafas (sentenza tal-14 ta' Settembru 2016, Pérez López, C-16/15, EU:C:2016:679, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

73 Fil-fatt, għandu jiġi kkonstatat li, f'amministrazzjoni li jkollha persunal sostanzjali, bħas-settur tas-saħħa pubblika, huwa inevitabbli li jkunu neċessarji sostituzzjonijiet temporanji minħabba, b'mod partikolari, l-indisponibbiltà ta' membri tal-persunal li jkunu ħarġu bil-leave tal-mard, leave tal-maternità, leave tal-ġenituri jew oħrajn. Is-sostituzzjoni temporanja ta' ħaddiema f'dawn iċ-ċirkustanzi tista' tikkostitwixxi raġuni oġġettiva fis-sens tal-klawżola 5(1)(a) tal-Ftehim qafas, li tiġġustifika kemm iż-żmien determinat tal-kuntratti konklużi mal-persunal statutorju sostitwenti kif ukoll it-tiġdid ta' dawn il-kuntratti skont l-okkorrenza ta' bżonnijiet ġodda, bla ħsara għar-rekwiżiti stabbiliti fil-Ftehim qafas f'dan ir-rigward (sentenza tal-14 ta' Settembru 2016, Pérez López, C-16/15, EU:C:2016:679, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

74 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-obbligu li jiġu organizzati s-servizzi tas-saħħa sabiex jiġi żgurat bilanċ kostanti bejn l-għadd ta' membri tal-persunal tal-kura tas-saħħa u l-għadd ta' pazjenti, huwa tal-amministrazzjoni pubblika u jiddependi minn għadd kbir ta' fatturi li jistgħu jirriflettu bżonn partikolari għal flessibbiltà li, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 68 ta' din is-sentenza, hija tali, f'dan is-settur speċifiku, li tiġġustifika oġġettivament, fid-dawl tal-klawżola 5(1)(a) tal-Ftehim qafas, l-użu ta' kuntratti ta' impjieg għal żmien determinat suċċessivi (sentenza tal-14 ta' Settembru 2016, Pérez López, C-16/15, EU:C:2016:679, punt 46).

75 Għall-kuntrarju, ma jistax jiġi ammess li kuntratti ta' impjieg għal żmien determinat jistgħu jiġġeddu bl-għan li, b'mod permanenti u sostenibbli, jitwettqu kompiti fis-servizzi tas-saħħa li jagħmlu parti mill-attività normali tal-persunal ordinarju tal-isptar (sentenza tal-14 ta' Settembru 2016, Pérez López, C-16/15, EU:C:2016:679, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

76 Fil-fatt, it-tiġdid ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' impjieg għal żmien determinat sabiex jiġu koperti bżonnijiet li huma, fil-fatt, ta' natura mhux provviżorja iżda permanenti u sostenibbli ma huwiex iġġustifikat fis-sens tal-klawżola 5(1)(a) tal-Ftehim qafas sa fejn tali użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' impjieg għal żmien determinat imur direttament kontra l-premessa li fuqha huwa bbażat dan il-ftehim qafas, jiġifieri li l-kuntratti ta' impjieg għal żmien indeterminat jikkostitwixxu l-forma ġenerali tar-relazzjonijiet ta' impjieg, filwaqt li l-kuntratti ta' impjieg għal żmien determinat huma karatteristika tal-impjieg f'ċerti setturi jew għal ċerti xogħlijiet u attivitajiet (sentenza tal-14 ta' Settembru 2016, Pérez López, C-16/15, EU:C:2016:679, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

77 L-osservanza tal-klawżola 5(1)(a) tal-Ftehim qafas teżiġi għalhekk li jkun jista' jiġi vverifikat konkretament li t-tiġdid ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet suċċessivi ta' impjieg għal żmien determinat huwa intiż li jkopri bżonnijiet provviżorji u li dispożizzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tiġix użata, fil-fatt, sabiex jiġu ssodisfatti l-bżonnijiet permanenti u sostenibbli tal-persuna li timpjega fil-qasam tal-persunal (sentenza tal-14 ta' Settembru 2016, Pérez López, C-16/15, EU:C:2016:679, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

78 F'dan ir-rigward, il-qrati tar-rinviju kkonstataw li, fil-prattika, il-ħatriet suċċessivi ta' D. Sánchez Ruiz u ta' B. Fernández Álvarez *et* ma kinux jissodisfaw sempliċi bżonnijiet provviżorji tal-Komunità ta' Madrid, iżda kienu intiżi sabiex jissodisfaw bżonnijiet permanenti u sostenibbli fil-qasam tal-persunal fi ħdan is-servizz tas-saħħa ta' din il-komunità. Fil-fatt, mid-deċiżjonijiet tar-rinviju jirriżulta li, fil-mument tal-preżentata tar-rikorsi tagħhom, dawn il-ħaddiema kienu kollha impjegati mill-Komunità ta' Madrid għal mill-inqas 12-il sena konsekuttivi, li wħud minnhom kienu s-suġġett ta' iktar minn 200 ħatra u li huma kienu jwettqu kompiti li jaqgħu taħt l-attività normali tal-persunal li jibbenefika minn status permanenti.

79 Barra minn hekk, din il-konstatazzjoni hija kkorroborata mill-fatt li l-qrati tar-rinviju rreferew għall-eżistenza ta' problema strutturali fis-settur pubbliku tas-saħħa Spanjol, li tissarraf f'perċentwali għolja ta' ħaddiema temporanji, li jikkostitwixxu, għal din ir-raġuni, element essenzjali tal-funzjonament ta' dan is-settur kif ukoll f'nuqqas ta' limiti massimi għan-numru ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi u n-nuqqas ta' osservanza tal-obbligu legali li jimtlew il-pożizzjonijiet temporanjament koperti minn dan il-persunal billi jiġu impjegati ħaddiema għal żmien indeterminat.

80 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta għat-tielet sal-ħames domanda fil-Kawża C-103/18 u għall-ewwel domanda fil-Kawża C-429/18 għandha tkun li l-klawżola 5 tal-Ftehim qafas għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni u ġurisprudenza nazzjonali li jipprovdu li t-tiġdid suċċessiv ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat jitqies bħala ġġustifikat minn "raġunijiet oġġettivi", fis-sens tal-punt 1(a) ta' din il-klawżola, abbażi tar-raġuni unika li dan it-tiġdid ikun jissodisfa r-raġunijiet ta' reklutaġġ li hemm riferiment għalihom f'din il-leġiżlazzjoni, jiġifieri raġunijiet ta' neċessità, ta' urġenza jew l-iżvilupp ta' programmi ta' natura temporanja, staġonali jew straordinarja sa fejn tali leġiżlazzjoni u ġurisprudenza nazzjonali ma jipprekludux lill-persuna li timpjega kkonċernata milli tirrispondi, fil-prattika, b'tali tiġdid, għal bżonnijiet permanenti u sostenibbli ta' persunal.

Fuq is-seba' domanda fil-Kawża C-103/18 kif ukoll fuq it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-sitt u s-seba' domanda fil-Kawża C-429/18

81 Permezz tas-seba' domanda tagħhom fil-Kawża C-103/18 kif ukoll tat-tieni, tat-tielet, tar-raba', tas-sitt u tas-seba' domanda fil-Kawża C-429/18, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qrati tar-rinviju jistaqsu lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, dwar jekk ċerti miżuri previsti mid-dritt Spanjol jistgħux jitqiesu li jikkostitwixxu miżuri adegwati għall-finijiet tal-prevenzjoni u, skont il-każ, sabiex tas-sanzjoni ta' abbużi li jirriżultaw mill-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi, fis-sens tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas.

82 F'dan ir-rigward, il-qrati tar-rinviju jirreferu, b'mod partikolari, għall-organizzazzjoni ta' proċeduri ta' selezzjoni intiżi sabiex jimtlew b'mod definittiv il-pożizzjonijiet okkupati provviżorjament minn ħaddiema impjegati fil-kuntest ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat, għall-konverżjoni tal-istatus tal-ħaddiema li kienu impjegati b'mod abbużiv fil-kuntest ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi f'"persunal għal żmien indeterminat mhux permanenti" u għall-għoti ta' kumpens ekwivalenti għal dak imħallas f'każ ta' tkeċċija abbużiva.

83 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-klawżola 5 tal-Ftehim qafas, li għandha l-għan li timplimenta wieħed mill-għanijiet segwiti minnha, jiġifieri li jkun limitat l-użu suċċessiv tal-kuntratti jew tar-relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat, teżiġi, fil-punt 1 tagħha, fir-rigward tal-Istati Membri, l-adozzjoni effettiva u vinkolanti ta' mill-inqas waħda mill-miżuri elenkati, meta d-dritt intern tagħhom ma jkollux miżuri legali ekwivalenti. Il-miżuri hekk elenkati fil-punt 1(a) sa (ċ) ta' din il-klawżola, li huma tlieta, jirrigwardaw, rispettivament, raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' impjieg għal żmien determinat, it-tul massimu totali ta' dawn il-kuntratti jew ta' dawn ir-relazzjonijiet ta' impjieg suċċessivi u n-numru ta' tiġdid tagħhom (sentenza tal-21 ta' Novembru 2018, de Diego Porras, C-619/17, EU:C:2018:936, punt 84 u l-ġurisprudenza ċċitata).

84 L-Istati Membri għandhom, f'dan ir-rigward, marġni ta' diskrezzjoni, peress li għandhom l-għażla li jużaw waħda jew iktar mill-miżuri stabbiliti fil-punt 1(a) sa (ċ) tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas jew miżuri legali eżistenti ekwivalenti, u dan filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-bżonnijiet ta' setturi speċifiċi u/jew ta' kategoriji ta' ħaddiema (sentenza tal-21 ta' Novembru 2018, de Diego Porras, C-619/17, EU:C:2018:936, punt 85 u l-ġurisprudenza ċċitata).

85 B'dan il-mod, il-punt 1 tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas jassenja lill-Istati Membri għan ġenerali, li jikkonsisti fil-prevenzjoni ta' tali abbuż, filwaqt li jħallilhom l-għażla tal-mezzi sabiex jilħqu dan l-għan, sa fejn ma jikkompromettux l-għan jew l-effettività utli tal-Ftehim qafas (sentenza tal-21 ta' Novembru 2018, de Diego Porras, C-619/17, EU:C:2018:936, punt 86 u l-ġurisprudenza ċċitata).

86 Il-klawżola 5 tal-Ftehim qafas ma tistabbilixxix sanzjonijiet speċifiċi fil-każ fejn ikunu ġew ikkonstatati abbużi. F'tali każ, huma l-awtoritajiet nazzjonali li għandhom jadottaw miżuri li jridu jkunu ta' natura mhux biss proporzjonata, iżda wkoll effettivi u dissważivi biżżejjed sabiex jiggarantixxu l-effettività sħiħa tar-regoli adottati skont il-Ftehim qafas (sentenza tal-21 ta' Novembru 2018, de Diego Porras, C-619/17, EU:C:2018:936, punt 87 u l-ġurisprudenza ċċitata).

87 Barra minn hekk, il-Ftehim qafas ma jistabbilixxix obbligu ġenerali tal-Istati Membri li jipprevedu l-konverżjoni ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat f'kuntratt għal żmien indeterminat. L-ordinament ġuridiku intern tal-Istat Membru inkwistjoni għandu madankollu jinkludi miżura effettiva oħra sabiex jiġi evitat u, skont il-każ, issanzjonat l-użu abbużiv ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Settembru 2016, Martínez Andrés u Castrejana López, C-184/15 u C-197/15, EU:C:2016:680, punti 39 u 41 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

88 Meta jkun sar użu abbużiv minn kuntratti jew minn relazzjonijiet ta' impjieg għal żmien determinat suċċessivi, għandha tkun tista' tiġi applikata miżura li tagħti garanziji effettivi u ekwivalenti ta' protezzjoni tal-ħaddiema sabiex tissanzjona b'mod xieraq dan l-abbuż u tħassar il-konsegwenzi tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, skont l-istess termini tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 1999/70, l-Istati Membri għandhom "jieħdu xi miżuri neċessarji sabiex ikunu jistgħu f'kull ħin ikunu f'posizzjoni li jiggarantixxu r-riżultati imposti [minn din] id-Direttiva" (sentenza tal-21 ta' Novembru 2018, de Diego Porras, C-619/17, EU:C:2018:936, punt 88 u l-ġurisprudenza ċċitata).

89 Għandu jitfakkar, barra minn hekk, li ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern, peress li dan il-kompitu jaqa' fuq il-qrati nazzjonali kompetenti, li għandhom jiddeterminaw jekk ir-rekwiżiti stabbiliti fil-klawżola 5 tal-Ftehim qafas humiex issodisfatti mid-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli (sentenza tal-21 ta' Novembru 2018, de Diego Porras, C-619/17, EU:C:2018:936, punt 89 u l-ġurisprudenza ċċitata).

90 Għaldaqstant, hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina sa fejn il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni kif ukoll għall-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt intern jikkostitwixxu miżura adegwata għall-prevenzjoni u, jekk ikun il-każ, għas-sanzjoni tal-użu abbużiv ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Novembru 2018, de Diego Porras, C-619/17, EU:C:2018:936, punt 90 u l-ġurisprudenza ċċitata).

91 Il-Qorti tal-Ġustizzja, billi tiddeċiedi permezz ta' deċiżjoni preliminari, tista' madankollu tipprovdi preċiżazzjonijiet li jistgħu jiggwidaw l-imsemmija qrati fl-evalwazzjoni tagħhom (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Novembru 2018, de Diego Porras, C-619/17, EU:C:2018:936, punt 91 u l-ġurisprudenza ċċitata).

92 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, fl-ewwel lok, li ebda waħda mill-miżuri nazzjonali msemmija fil-punt 82 ta' din is-sentenza ma tidher li taqa' taħt waħda mill-kategoriji ta' miżuri msemmija fil-klawżola 5(1)(a) sa (ċ) tal-Ftehim qafas, intiżi sabiex jipprevjenu l-użu abbużiv ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi.

93 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat, fit-tieni lok, jekk dawn il-miżuri jikkostitwixxux "miżuri legali ekwivalenti intiżi sabiex jipprevjenu l-abbużi", fis-sens ta' din il-klawżola.

94 Fir-rigward, qabelxejn, tal-organizzazzjoni, fit-termini meħtieġa, ta' proċeduri ta' selezzjoni intiżi sabiex jimtlew b'mod definittiv il-pożizzjonijiet okkupati provviżorjament minn ħaddiema għal żmien determinat, għandu jiġi osservat li tali miżura hija ta' natura li tevita li l-istatus prekarju ta' dawn il-ħaddiema jippersisti, billi jiġi żgurat li l-pożizzjonijiet li huma jokkupaw jimtlew malajr b'mod definittiv.

95 Għaldaqstant, l-organizzazzjoni fit-termini meħtieġa ta' tali proċeduri tista', bħala prinċipju, f'sitwazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tipprevjeni l-abbużi li jirriżultaw mill-użu ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi sakemm dawn il-pożizzjonijiet jimtlew b'mod definittiv.

96 Dan premess, mid-deċiżjonijiet tar-rinviju jirriżulta li, f'dan il-każ, minkejja l-fatt li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tipprevedi termini preċiżi għall-organizzazzjoni ta' tali proċeduri, fir-realtà, dawn it-termini ma humiex osservati u dawn il-proċeduri ma humiex frekwenti.

97 F'dawn iċ-ċirkustanzi, leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-organizzazzjoni ta' proċeduri ta' selezzjoni intiżi sabiex jimtlew b'mod definittiv il-pożizzjonijiet okkupati provviżorjament minn ħaddiema għal żmien determinat kif ukoll termini preċiżi għal dan il-għan, iżda li ma tippermettix li jiġi żgurat li tali proċeduri jkunu effettivament organizzati, ma tidhirx li hija adatta sabiex tipprevjeni l-użu abbużiv, mill-persuna li timpjega kkonċernata, ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi. Tali leġiżlazzjoni lanqas ma tidher adatta sabiex tissanzjona debitament l-użu abbużiv ta' tali

relazzjonijiet ta' xogħol u tħassar il-konsegwenzi tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni, peress li, kif indikaw il-qrati tar-rinviju, l-applikazzjoni tagħha ma jkollha ebda effett negattiv għal din il-persuna li timpjega.

98 Konsegwentement, bla ħsara għall-verifika mill-qrati tar-rinviju, tali leġiżlazzjoni ma tidhirx li tikkostitwixxi miżura suffiċjentement effettiva u dissważiva sabiex tiggarantixxi l-effettività sħiħa tar-regoli adottati skont il-Ftehim qafas, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 86 ta' din is-sentenza, u, għaldaqstant, "miżura legali ekwivalenti" fis-sens tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas.

99 L-istess japplika għar-raba' dispożizzjoni tranżitorja tar-Regolamenti Bażiċi tal-Persunal Pubbliku, li tipprevedi l-possibbiltà għall-amministrazzjoni li tikkonsolida l-impjieg f'pożizzjonijiet okkupati minn membri tal-persunal mhux permanenti jew persunal temporanju permezz ta' eżamijiet. Fil-fatt, mill-informazzjoni pprovduta mill-qrati tar-rinviju jirriżulta li din id-dispożizzjoni tipprevedi biss possibbiltà għall-amministrazzjoni, b'tali mod li din ma hijiex obbligata timplimenta l-imsemmija dispożizzjoni, anki meta jkun ġie kkonstatat li hija kienet tirrikorri b'mod abbużiv għall-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi.

100 Barra minn hekk, fir-rigward tal-fatt li l-organizzazzjoni ta' proċeduri ta' selezzjoni tipprovdi l-okkażjoni lill-ħaddiema li jkunu ġew impjegati b'mod abbużiv fil-kuntest ta' relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat li jippruvaw jaċċedu għall-istabbiltà tal-impjieg, peress li dawn jistgħu, bħala prinċipju, jipparteċipaw f'dawn il-proċeduri, dan il-fatt ma jistax jeżenta lill-Istati Membri mill-osservanza tal-obbligu li jipprevedu miżura adegwata sabiex jiġi debitament issanzjonat l-użu abbużiv ta' kuntratti u relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi. Fil-fatt, kif irrilevat essenzjalment l-Avukat Ġenerali fil-punt 68 tal-konklużjonijiet tagħha, tali proċeduri, li l-eżitu tagħhom huwa inċert, huma miftuħa wkoll għall-kandidati li ma kinux vittmi ta' tali abbuż.

101 Għaldaqstant, peress li l-organizzazzjoni ta' tali proċeduri hija indipendenti minn kull kunsiderazzjoni dwar in-natura abbużiva tal-użu ta' kuntratti għal żmien determinat, hija ma tidhirx li tista' tissanzjona debitament l-użu abbużiv ta' tali relazzjonijiet ta' xogħol u tħassar il-konsegwenzi tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, hija ma tidhirx li tista' tippermetti li jintlaħaq l-għan tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Novembru 2018, de Diego Porras, C-619/17, EU:C:2018:936, punti 94 u 95).

102 Sussegwentement, fir-rigward tal-konverżjoni tal-istatus tal-ħaddiema li kienu impjegati b'mod abbużiv f'relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi f'"persunal għal żmien indeterminat mhux permanenti", huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-qrati tar-rinviju jqisu huma stess li din il-miżura ma tippermettix li jintlaħaq l-għan tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas. Fil-fatt, mid-deċiżjonijiet tar-rinviju jirriżulta li din il-konverżjoni hija bla ħsara għall-possibbiltà għall-persuna li timpjega li tħassar il-pożizzjoni jew li ttemm il-funzjonijiet tal-ħaddiem għal żmien determinat ikkonċernat meta l-ħaddiem issostitwit jerġa' jassumi l-funzjonijiet tiegħu. Barra minn hekk, kif indikaw il-qrati tar-rinviju, għad-differenza tal-konverżjoni, fis-settur privat, ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat f'kuntratt ta' xogħol għal żmien indeterminat, il-konverżjoni tal-istatus tal-ħaddiema għal żmien determinat ikkonċernati f'dak ta' "persunal għal żmien indeterminat mhux permanenti" ma tippermettilhomx li jgawdu mill-istess kundizzjonijiet ta' xogħol bħall-persunal statutorju permanenti.

103 Fir-rigward, fl-aħħar nett, tal-għoti ta' benefiċċju ekwivalenti għal dak mogħti fil-każ ta' tkeċċija abbużiva, għandu jitfakkar li, sabiex jikkostitwixxi "miżura legali ekwivalenti" fis-sens tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas, l-għoti ta' benefiċċju għandu jkun speċifikament intiż li jikkumpensa l-effetti tal-użu abbużiv ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Novembru 2018, de Diego Porras, C-619/17, EU:C:2018:936, punti 94 u 95).

104 Konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punt 86 ta' din is-sentenza, jeħtieġ ukoll li l-kumpens mogħti jkun mhux biss proporzjonat, iżda wkoll suffiċjentement effettiv u dissważiv sabiex jiggarantixxi l-effettività sħiħa ta' din il-klawżola.

105 F'dawn iċ-ċirkustanzi, sa fejn id-dritt Spanjol jippermetti l-għoti ta' kumpens ekwivalenti għal dak imħallas fil-każ ta' tkeċċija abbużiva lill-membri tal-persunal statutorju temporanju vittmi tal-użu abbużiv ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi, huma l-qrati tar-rinviju li għandhom jiddeterminaw jekk tali miżura hijiex xierqa sabiex tipprevjeni u, jekk ikun il-każ, tissanzjona tali abbuż.

106 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għas-seba' domanda fil-Kawża C-103/18 kif ukoll għat-tieni, għat-tielet, għar-raba', għas-sitt u għas-seba' domanda fil-Kawża C-429/18 għandha tkun li l-klawżola 5 tal-Ftehim qafas għandha tiġi interpretata fis-sens li hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa, konformement mar-regoli kollha tad-dritt nazzjonali tagħha applikabbli, jekk l-organizzazzjoni ta' proċeduri ta' selezzjoni intiżi li jimtlew b'mod definittiv il-pożizzjonijiet okkupati provviżorjament minn ħaddiema impjegati fil-kuntest ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat, il-konverżjoni tal-istatus ta' dawn il-ħaddiema f'"persunal għal żmien indeterminat mhux permanenti" u l-għoti ta' kumpens ekwivalenti għal dak imħallas fil-każ ta' tkeċċija abbużiva jikkostitwixxux miżuri adegwati għall-prevenzjoni u, skont il-każ, għas-sanzjoni tal-abbużi li jirriżultaw mill-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi jew miżuri legali ekwivalenti, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

Fuq it-tieni domanda fil-Kawża C-103/18

107 Mill-motivi tad-deċiżjoni tar-rinviju fil-Kawża C-103/18 jirriżulta li, permezz tat-tieni domanda tagħha f'din il-kawża, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk il-Ftehim qafas għandux jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' użu abbużiv, minn persuna pubblika li timpjega, ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi, il-fatt li l-ħaddiem ikkonċernat ikun ta l-kunsens tiegħu għall-istabbiliment ta' dawn id-diversi relazzjonijiet ta' xogħol jistax ineħħi, minn din il-perspettiva, kull natura abbużiva tal-aġir ta' din il-persuna li timpjega, b'tali mod li l-Ftehim qafas ma jkunx applikabbli għas-sitwazzjoni ta' dan il-ħaddiem.

108 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li mill-formulazzjoni stess tal-klawżola 2(1) tal-Ftehim qafas jirriżulta li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan tal-aħħar huwa fformulat b'mod wiesa' peress li jkopri b'mod ġenerali l-"ħaddiema għal terminu fiss [żmien determinat] li għandhom kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit fil-liġi, fil-ftehim kollettiv jew fil-prattika f'kull Stat Membru". Barra minn hekk, id-definizzjoni tal-kunċett ta' "ħaddiema għal żmien determinat" skont il-Ftehim qafas, stabbilit fil-klawżola 3(1) tiegħu, tinkludi l-ħaddiema kollha, mingħajr ma tagħmel distinzjoni skont il-kwalità pubblika jew privata tal-persuna li timpjegahom u indipendentement mill-klassifikazzjoni tal-kuntratt tagħhom fid-dritt intern (sentenza tas-26 ta' Novembru 2014, Mascolo *et*, C-22/13, C-61/13 sa C-63/13 u C-418/13, EU:C:2014:2401, punt 67 u l-ġurisprudenza ċċitata).

109 Il-Ftehim qafas japplika għalhekk għall-ħaddiema kollha li jipprovdu servizzi bi ħlas fil-kuntest ta' relazzjoni ta' impjieg għal żmien determinat li torbothom mal-persuna li timpjegahom, sa fejn dawn ikunu marbuta b'kuntratt ta' xogħol fis-sens tad-dritt nazzjonali, u bla ħsara biss għall-marġni ta' diskrezzjoni mogħtija lill-Istati Membri mill-klawżola 2(2) tal-Ftehim qafas fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan tal-aħħar għal ċerti kategoriji ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol kif ukoll tal-esklużjoni, skont ir-raba' paragrafu tal-preambolu tal-Ftehim qafas, ta' ħaddiema temporanji (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Novembru 2014, Mascolo *et*, C-22/13, C-61/13 sa C-63/13 u C-418/13, EU:C:2014:2401, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata).

110 Minn dawn id-dispożizzjonijiet bl-ebda mod ma jirriżulta li l-applikazzjoni tal-Ftehim qafas hija eskluża meta l-ħaddiem ikun ta l-kunsens tiegħu għall-istabbiliment tar-relazzjoni ta' xogħol tiegħu ma' persuna pubblika li timpjega.

111 Għall-kuntrarju, tali interpretazzjoni tmur manifestament kontra wieħed mill-għanijiet tal-Ftehim qafas, jiġifieri, kif jirriżulta mill-punt 53 ta' din is-sentenza, dak li jiġi limitat l-użu suċċessiv ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat, meqjus bħala sors potenzjali ta' abbuż għad-detriment tal-ħaddiema, billi jiġu previsti ċertu numru ta' dispożizzjonijiet protettivi minimi intiżi sabiex tiġi evitata l-prekarjetà tas-sitwazzjoni tal-impjegati.

112 Dan l-għan tal-Ftehim qafas huwa bbażat impliċitament iżda neċessarjament fuq il-premessa li l-ħaddiem, minħabba l-pożizzjoni dgħajfa tiegħu meta mqabbel mal-persuna li timpjega, jista' jkun il-vittma ta' użu abbużiv, mill-persuna li timpjega, ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi, anki jekk fir-rigward tal-istabbiliment u tat-tiġdid ta' dawn ir-relazzjonijiet ta' xogħol ikun ingħata kunsens liberu.

113 Fil-fatt, din is-sitwazzjoni ta' dgħufija tista' tiskoraġġixxi ħaddiem milli jinvoka espliċitament id-drittijiet tiegħu fir-rigward tal-persuna li timpjegah, b'mod partikolari, meta t-talba tagħhom tista' tesponih għal miżuri meħuda minn din tal-aħħar ta' natura li jaffettwaw ir-relazzjoni tax-xogħol għad-detriment ta' dan il-ħaddiem (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Mejju 2019, CCOO, C-55/18, EU:C:2019:402, punti 44 u 45 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

114 Għaldaqstant, ma jistax jitqies li l-ħaddiema għal żmien determinat huma mċaħħda mill-protezzjoni mogħtija lilhom mill-Ftehim qafas għas-sempliċi raġuni li dawn ikunu taw il-kunsens liberu tagħhom għall-konklużjoni ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi, mingħajr ma l-klawżola 5 ta' dan il-ftehim tiċċaħħad kompletament mill-effett utli tagħha.

115 Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punt 108 ta' din is-sentenza, ma huwiex rilevanti, f'dan ir-rigward, il-fatt li dawn ir-relazzjonijiet ta' xogħol ikunu ġew stabbiliti permezz ta' atti amministrattivi minħabba l-kwalità pubblika tal-persuna li timpjega.

116 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda fil-Kawża C-103/18 għandha tkun li l-klawżola 2, il-klawżola 3(1) u l-klawżola 5 tal-Ftehim qafas għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fil-każ ta' użu abbużiv, minn persuna pubblika li timpjega, ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi, il-fatt li l-ħaddiem ikkonċernat ikun ta l-kunsens tiegħu għall-istabbiliment u/jew għat-tiġdid ta' dawn ir-relazzjonijiet ta' xogħol ma jistax ineħħi, minn din il-perspettiva, in-natura inġusta tal-aġir ta' din il-persuna li timpjega, b'mod li l-Ftehim qafas ma jkunx applikabbli għas-sitwazzjoni ta' dan il-ħaddiem.

Fuq is-sitt u d-disa' domanda fil-Kawża C-103/18 kif ukoll fuq il-ħames domanda fil-Kawża C-429/18

117 Permezz tas-sitt u tad-disa' domanda fil-Kawża C-103/18 u tal-ħames domanda fil-Kawża C-429/18, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qrati tar-rinviju jistaqsu, essenzjalment, jekk id-dritt tal-Unjoni għandux jiġi interpretat fis-sens li jimponi fuq qorti nazzjonali adita b'kawża bejn ħaddiem u l-persuna pubblika li timpjegah li ma tapplikax leġiżlazzjoni nazzjonali li ma hijiex konformi mal-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas.

118 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas ma hijiex inkundizzjonata u suffiċjentement preċiża sabiex tkun tista' tiġi invokata minn individwu quddiem qorti nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' April 2008, Impact, C-268/06, EU:C:2008:223, punt 80).

119 Tali dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma jkollhiex effett dirett ma tistax tiġi invokata, bħala tali, fil-kuntest ta' tilwima li taqa' taħt id-dritt tal-Unjoni sabiex tiġi eskluża l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni kunfliġġenti tad-dritt nazzjonali (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Popławski, C-573/17, EU:C:2019:530, punt 62).

120 Għaldaqstant, qorti nazzjonali ma hijiex obbligata li ma tapplikax dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali tagħha li tmur kontra l-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas.

121 Dan premess, għandu jitfakkar li, billi japplikaw id-dritt intern, il-qrati nazzjonali għandhom l-obbligu li jinterpretawh sa fejn possibbli fid-dawl tat-test u tal-għan tad-direttiva inkwistjoni sabiex jintlaħaq ir-riżultat intiż minnha u, għaldaqstant, jikkonformaw ruħhom mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 288 TFUE (sentenza tal-4 ta' Lulju 2006, Adeneler *et*, C-212/04, EU:C:2006:443, punt 108 u l-ġurisprudenza ċċitata).

122 Ir-rekwiżit ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali huwa fil-fatt inerenti għas-sistema tat-Trattat minħabba li dan jippermetti lill-qrati nazzjonali jiżguraw, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, l-effettività sħiħa tad-dritt tal-Unjoni meta jiddeċiedu l-kawżi li jitressqu quddiemhom (sentenza tal-4 ta' Lulju 2006, Adelener *et*, C-212/04, EU:C:2006:443, punt 109 u l-ġurisprudenza ċċitata).

123 Huwa minnu li l-obbligu tal-qorti nazzjonali li tirreferi għall-kontenut ta' direttiva meta tinterpreta u tapplika r-regoli rilevanti tad-dritt nazzjonali huwa limitat mill-prinċipji ġenerali tad-dritt, b'mod partikolari dawk taċ-ċertezza legali kif ukoll ta' nuqqas ta' retroattività, u ma jistax iservi ta' bażi għal interpretazzjoni *contra legem* tad-dritt nazzjonali (sentenza tal-4 ta' Lulju 2006, Adelener *et*, C-212/04, EU:C:2006:443, punt 110 u l-ġurisprudenza ċċitata).

124 Il-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi jeżiġi madankollu li l-qrati nazzjonali jagħmlu dak kollu li jaqa' taħt il-kompetenza tagħhom, billi jieħdu inkunsiderazzjoni d-dritt intern kollu u billi japplikaw metodi ta' interpretazzjoni rrikonoxxuti minn dan id-dritt, sabiex tiġi ggarantita l-effettività sħiħa tad-direttiva inkwistjoni u sabiex tinstab soluzzjoni konformi mal-għan imfittex minnha (sentenza tal-4 ta' Lulju 2006, Adelener *et*, C-212/04, EU:C:2006:443, punt 111 u l-ġurisprudenza ċċitata).

125 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għas-sitt u għad-disa' domanda fil-Kawża C-103/18 kif ukoll għall-ħames domanda fil-Kawża C-429/18 għandha tkun li d-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jimponix fuq qorti nazzjonali adita b'kawża bejn ħaddiem u l-persuna li timpjegah pubblika li ma tapplikax leġiżlazzjoni nazzjonali li ma hijiex konformi mal-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas.

Fuq it-tmien domanda fil-Kawża C-103/18

126 Permezz tat-tmien domanda tagħha fil-Kawża C-103/18, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dritt tal-Unjoni għandux jiġi interpretat fis-sens li jeżiġi lill-Istati Membri li jipprevedu l-possibbiltà ta' reviżjoni ta' sentenzi u ta' atti amministrattivi relatati ma' terminazzjonijiet ta' funzjonijiet u ta' ħatriet kif ukoll avviżi ta' kompetizzjoni li saru definittivi sabiex jiġi ggarantit l-effett sħiħ tad-dritt tal-Unjoni.

127 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-domandi preliminari dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali li hija għandha r-responsabbiltà li tiddefinixxi, u li ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika l-eżattezza tiegħu, jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirrifjuta li tagħti deċiżjoni fuq talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti nazzjonali biss jekk ikun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma jkollha ebda relazzjoni mal-fatti jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (digriet tat-12 ta' Ġunju 2019, Aragón Carrasco *et*, C-367/18, mhux ippubblikat, EU:C:2019:487, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

128 Barra minn hekk, in-neċessità li ssir interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tkun utli għall-qorti nazzjonali teżiġi li din tiddefinixxi l-kuntest fattwali u leġiżlattiv tad-domandi li hija tagħmel jew li, minn tal-inqas, tispjega ċ-ċirkustanzi fattwali li fuqhom huma bbażati dawn id-domandi (digriet tat-12 ta' Ġunju 2019, Aragón Carrasco *et*, C-367/18, mhux ippubblikat, EU:C:2019:487, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

129 Fil-każ ineżami, il-qorti tar-rinviju bl-ebda mod ma ppreċiżat li fil-kawża prinċipali, hija ser ikollha teżamina sentenza mill-ġdid jew tordna korp amministrattiv jeżamina mill-ġdid deċiżjoni ta' terminazzjoni ta' funzjonijiet jew ta' ħatra jew avviż ta' kompetizzjoni li jkunu saru finali.

130 F'dan ir-rigward, jista' jiġi dedott mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju fil-Kawża C-103/18, kif ukoll mill-osservazzjonijiet tal-Gvern Spanjol f'din il-kawża, li l-uniċi ċirkustanzi li fihom il-Komunità ta' Madrid tista' eventwalment tbiddel deċiżjonijiet ta' ħatriet jew ta' terminazzjoni ta' funzjonijiet li jkunu saru definittivi huma l-konverżjoni ta' ħatriet suċċessivi ta' D. Sánchez Ruiz f'ħatriet bħala membru tal-persunal statutorju permanenti, sabiex jiġi ssanzjonat l-użu abbużiv, minn din il-persuna pubblika li timpjega, ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi. Madankollu, mill-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju jirriżulta b'mod ċar li tali konverżjoni hija kategorikament eskluża skont id-dritt Spanjol, peress li l-aċċess għall-istatus ta' persunal statutorju permanenti huwa possibbli biss wara t-tmiem b'suċċess ta' proċedura ta' selezzjoni.

131 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidher b'mod manifest li l-problema mqajma mit-tmien domanda fil-Kawża C-103/18 hija ta' natura ipotetika. Għaldaqstant, din id-domanda hija inammissibbli.

Fuq l-ispejjeż

132 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Il-klawżola 5 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab anness mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, għandha tiġi interpretata fis-sens li l-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali ma jistgħux jeskludu mill-kunċett ta' "kuntratti jew relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, sitwazzjoni li fiha ħaddiem irreklutat fuq il-bażi ta' relazzjoni ta' xogħol għal żmien determinat, jiġifieri sakemm il-pożizzjoni vakanti li fir-rigward tagħha jkun ġie rreklutat timtela b'mod definittiv, ikun okkupa, fil-kuntest ta' diversi ħatriet, l-istess pożizzjoni ta' xogħol b'mod interrott matul diversi snin u jkun eżerċita, b'mod kostanti u kontinwu, l-istess funzjonijiet, bil-konsegwenza tkun iż-żamma b'mod kontinwu ta' dan il-ħaddiem f'din il-pożizzjoni minħabba n-nuqqas ta' osservanza tal-persuna li timpjega tal-obbligu legali tagħha li torganizza fit-terminu stabbilit proċedura ta' selezzjoni intiża li timtela l-imsemmija pożizzjoni vakanti b'mod definittiv b'mod li r-relazzjoni ta' xogħol tiegħu tkun ġiet impliċitament estiża sena b'sena.**

2) **Il-klawżola 5 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab anness mad-Direttiva 1999/70, għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni u ġurisprudenza nazzjonali li jipprovdu li t-tiġdid suċċessiv ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat jitqies bħala ġġustifikat minn "raġunijiet oġġettivi", fis-sens tal-punt 1(a) ta' din il-klawżola, abbażi tar-raġuni unika li dan it-tiġdid ikun jissodisfa r-raġunijiet ta' reklutaġġ li hemm riferiment għalihom f'din il-leġiżlazzjoni, jiġifieri**

raġunijiet ta' neċessità, ta' urġenza jew l-iżvilupp ta' programmi ta' natura temporanja, staġonali jew straordinarja sa fejn tali leġiżlazzjoni u ġurisprudenza nazzjonali ma jipprekludux lill-persuna li timpjega kkonċernata milli tirrispondi, fil-prattika, b'tali tiġdid, għal bżonnijiet permanenti u sostenibbli ta' persunal.

3) **Il-klawżola 5 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab anness mad-Direttiva 1999/70, għandha tiġi interpretata fis-sens li hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa, konformement mar-regoli kollha tad-dritt nazzjonali tagħha applikabbli, jekk l-organizzazzjoni ta' proċeduri ta' selezzjoni intiżi li jimtlew b'mod definittiv il-pożizzjonijiet okkupati provviżorjament minn ħaddiema impjegati fil-kuntest ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat, il-konverżjoni tal-istatus ta' dawn il-ħaddiema f'"persunal għal żmien indeterminat mhux permanenti" u l-għoti ta' kumpens ekwivalenti għal dak imħallas fil-każ ta' tkeċċija abbużiva jikkostitwixxux miżuri adegwati għall-prevenzjoni u, skont il-każ, għas-sanzjoni tal-abbużi li jirriżultaw mill-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi jew miżuri legali ekwivalenti, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.**

4) **Il-klawżola 2, il-klawżola 3(1) u l-klawżola 5 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab anness mad-Direttiva 1999/70, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fil-każ ta' użu abbużiv, minn persuna pubblika li timpjega, ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi, il-fatt li l-ħaddiem ikkonċernat ikun ta l-kunsens tiegħu għall-istabbiliment u/jew għat-tiġdid ta' dawn ir-relazzjonijiet ta' xogħol ma jistax ineħħi, minn din il-perspettiva, in-natura inġusta tal-aġir ta' din il-persuna li timpjega, b'mod li dan il-ftehim qafas ma jkunx applikabbli għas-sitwazzjoni ta' dan il-ħaddiem.**

5) **Id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jimponix fuq qorti nazzjonali adita b'kawża bejn ħaddiem u l-persuna li timpjegah pubblika li ma tapplikax leġiżlazzjoni nazzjonali li ma hijiex konformi mal-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab anness mad-Direttiva 1999/70.**

Firem